



2015-131 REV3

Programm ta' Ħidma Annwali 2016

Mingħand	Id-Direttur Eżekuttiv
Lil	Il-Bord tat-Tmexxija
Dok. Preċ.	2015-058 REV2
Suġġett	Programm ta' Ħidma Annwali 2016



Programm ta' Ħidma Annwali

2016

Werrej

1.	Ħarsa Ġenerali	4
1.1	Sommarju Eżekuttiv	4
1.2	Il-Missjoni, Viżjoni u Valuri Fundamentali tal-Aġenzija	5
1.3	Kuntest Politiku u Ħarsa Ġenerali għall-2016	6
2.	Għanijiet u Miri għall-2016	8
2.1	L-Għanijiet Strateġiċi tal-Aġenzija għall-2016	8
2.1.1	Għan Strateġiku 1: Tkompli tikber bħala kontributor għal u faċilitatur tal-politiki tal-libertà, sigurtà u ġustizzja fl-Ewropa	8
2.1.2	Għan Strateġiku 2: Issir ċentru ta' eċċellenza rikonoxxut u fornitur tas-servizzi tal-ICT:	8
2.1.3	Għan Strateġiku 3: Tikber bħala ċentru ewlieni tat-teknoloġija tal-ICT u ċentru ta' kompetenzi tal-UE:	8
2.1.4	Għan Strateġiku 4: Tiżviluppa organizzazzjoni moderna, effiċjenti u aġili:	9
2.2	Għanijiet u Attivitajiet tal-Aġenzija għall-2016	9
2.2.1	Għanijiet u Attivitajiet Previsti għall-2016 biex ikunu ta' sostenn għat-Twettiq ta' Għan Strateġiku 1:	9
2.2.1.1	Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi	9
2.2.1.2	Evoluzzjoni tas-Sistemi:	10
2.2.1.3	Ġestjoni tal-Infrastruttura tan-Netwerk u l-Komunikazzjoni	12
2.2.1.4	Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Sistemi Ġodda	13
2.2.1.5	Sigurtà:	13
2.2.1.6	Protezzjoni tad-Data	14
2.2.1.7	Rapportar u Statistiki	14
2.2.1.8	Forniment ta' Taħriġ dwar is-Sistemi lill-Istati Membri	14
2.2.2	Għanijiet u Attivitajiet Previsti għall-2016 biex ikunu ta' sostenn għat-Twettiq ta' Għan Strateġiku 2:	14
2.2.2.1	Issir Ċentru ta' Eċċellenza fis-Servizzi tal-ICT:	15
2.2.2.2	Żvilupp Ulterjuri tal-Qafas ta' Governanza tal-Aġenzija:	15
2.2.2.3	Riċerka u Żvilupp u Evoluzzjoni tas-Sistema:	16
2.2.3	Għanijiet u Attivitajiet Previsti għall-2016 biex ikunu ta' Sostenn għat-Twettiq ta' Għan Strateġiku 3:	16
2.2.3.1	Relazzjonijiet mal-Istati Membri, l-Istituzzjonijiet tal-UE u Partijiet Ikkonċernati Oħrajn:	16
2.2.3.2	Relazzjonijiet ma' Aġenziji Ewropej u Korpi Rilevanti Oħrajn:	17
2.2.3.3	Tishiġ Ulterjuri tal-Komunikazzjoni Esterna:	18
2.2.4	Għanijiet u Attivitajiet Previsti għall-2016 biex ikunu ta' sostenn għat-Twettiq ta' Għan Strateġiku 4:	18
2.2.4.1	Ippjanar Strateġiku	18
2.2.4.2	Ġestjoni Finanzjarja	18
2.2.4.3	Ġestjoni tal-Loġistika u l-Faċilitajiet	18
2.2.4.4	Akkwist:	19
2.2.4.5	Ġestjoni tar-Riżorsi Umani:	19
2.2.4.6	Komunikazzjoni Interna:	20
2.2.4.7	Awditjar Intern:	20
	Anness A: Għanijiet Operattivi Speċifiċi, Riżultati u Indikaturi tal-Prestazzjoni	21
	Anness B: Previżjoni tal-Baġit għall-2016: previżjoni ta' livell għoli tal-baġit għall-2016 (Impenji C1)	63
	Anness B: Previżjoni tal-Baġit għall-2016: Kompożizzjoni tal-Baġit skont it-Titolu	64
	Anness Ċ: Ħarsa Ġenerali lejn ir-Riskji Kritiċi Kummerċjali u l-Mitigazzjonijiet	65
	Anness D: Tabella li Tiġbor l-Akkwisti u l-Proġetti Ewlenin Ippjanati għall-2016	68

1. Ħarsa Ġenerali

1.1 Sommarju Eżekuttiv

Dan il-programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja¹ (eu-LISA) għandu l-għan li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet li sejr in isiru u l-għanijiet li jridu jintlaħqu fl-2016. Il-programm jiddeskrivi fid-dettall l-għanijiet operattivi annwali tiegħu u l-eżiti li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-għanijiet strateġiċi u l-miri tiegħu. Barra minn hekk, jipprovdi stimi dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli għall-Aġenzija u jsemmi indikaturi li jistgħu jintużaw biex ikun ikkwantifikat il-progress lejn ir-riżultati fil-mira. Dan id-dokument se jipprovdi wkoll bażi għall-ippjanar baġitarju tal-Aġenzija għall-2016.

Fl-2016 l-Aġenzija se jra tkompli bil-missjoni ewlenija tagħha: li żżid il-valur permezz tal-ġestjoni operattiva stabbli, effettiva u effiċjenti ta' sistemi fdati lilha (li waqt li qed jinkiteb dawn huma l-VIS/BMS, SIS II u l-EURODAC). Fl-2016 l-Aġenzija jaf tkun meħtieġa tibda tneġġi għal iktar sistemi bħal dawk previsti fil-pakkett tal-Frontieri Intelliġenti.

L-Aġenzija se jra tkompli tbassar u żżomm linja bażi preċiża għall-volumi ta' xogħol, l-ispejjeż u l-livelli ta' persunal meħtieġa sabiex tkun assigurata l-aqwa prestazzjoni tas-sistemi kollha taħt il-ġestjoni attwali u ta' kwalunkwe sistema oħra li tista' taqa' taħtha tul it-terminu medju. Filwaqt li timplimenta skeda ambizzjuża ta' manutenzjoni korrettiva u adattiva, se jra tidentifika wkoll oqsma ta' opportunità sabiex ittejjeb kontinwament il-kosteffiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi li tmexxi billi tibni u tirtirna l-pjan direzzjonali ta' kull sistema sabiex tassigura titjib kontinwu fit-twassil tas-servizz.

Mil-lat ta' riżorsi, l-Aġenzija se jra tkompli bl-isforzi tagħha sabiex tassigura ż-żamma u l-iżvilupp tal-persunal tagħha fil-ħidma tagħha sabiex tibni organizzazzjoni sostenibbli, effiċjenti u aġili. Se jra tkompli tiżviluppa wkoll l-istrutturi ta' governanza tal-ICT u korporattivi tagħha u tirtirna u tevolvi sistemi ta' ġestjoni tal-prestazzjoni eżistenti għaż-żewġ sistemi taħt il-ġestjoni tagħha u l-istruttura korporattiva usa' tagħha.

Il-progress li sar fl-oqsma operattivi msemmijin hawn fuq tul il-perjodu qasir mindu nħolqot l-Aġenzija huwa xhieda tal-intenzjoni strateġika fit-tul tal-eu-LISA sabiex kontinwament ittejjeb il-propożizzjoni ta' valur lill-partijiet ikkonċernati tagħha, filwaqt li tlaqqa' l-kapaċitajiet tat-teknoloġija u l-kompetenzi tal-organizzazzjoni mal-ħtiġijiet tagħhom. L-għanijiet u l-miri strateġiċi ambizzjużi fit-tul li l-Aġenzija adottat² sabiex tagħmel dan huma ta' sfida u se jra ikollhom jitwasslu flimkien mal-impenji eżistenti ta' kuljum għall-persunal u r-riżorsi tal-Aġenzija. Sabiex tilħaq il-miri strateġiċi u operattivi impenjattivi tagħha, l-Aġenzija se jra tkompli tintegra l-prattiki ta' governanza tajba sabiex tidentifika u telimina proċessi kummerċjali ineffiċjenti. Bl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi tas-servizzi tal-IT, kemm f'livell ta' aġenzija kif ukoll f'livell tal-programm; l-Aġenzija se jra tkompli tara li tidentifika u ssolvi d-diskrepanzi fil-produttività u ttejjeb il-valur għaliha u għall-partijiet ikkonċernati tagħha.

Ovvjament, titjib u evoluzzjonijiet bħal dawn fit-twassil tas-servizz ma jseħħux f'iżolament u jridu jkunu ġestiti

¹ L-eu-LISA twaqqfet bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill nhar il-25 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 286, 01.11.2011, p.1) (Regolament Bażiku) li daħal fis-seħħ fl-21 ta' Novembru 2011. Ir-Regolament ipprova sabiex l-Aġenzija tiegħu r-responsabbiltajiet tagħha mill-1 ta' Diċembru 2012.

² L-għanijiet u l-miri strateġiċi tal-Aġenzija jissemmew fid-dettall fid-dokument ta' strateġija fit-tul tal-eu-LISA (2014-2020), approvat mill-Bord tat-Tmexxija tal-aġenzija f'Marzu 2014.

fi ħdan il-kuntest ta' imperattivi politiċi, istituzzjonali u tar-riżorsi usa'. Għalhekk, filwaqt li aktarx li l-2016 sejra tara żieda sinifikanti fil-volum ta' xogħol għall-persunal tal-Aġenzija, f'din is-sena l-eu-LISA sejra tkompli tidentifika u timplimenta miżuri effiċjenti li huma xierqa sabiex tilħaq il-mira li fasslu l-Kunsill Ewropew u l-Parlament sabiex il-persunal jitnaqqas b'5% bejn l-2013 u l-2018.

Aktarx li l-perjodu ta' rapportar jara wkoll ir-riżultati tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Aġenzija (li għandha ssir sa mhux iktar tard mill-1 ta' Diċembru 2015) u kwalunkwe rakkomandazzjoni u proposta sussegwenti biex jiġi emendat ir-regolament li waqqafha.

Jidher ċar li sejjer jibqa' jkun hemm sfidi sinifikattivi x'jingħelbu fejn jidhru l-organizzazzjoni, ir-riżorsi u l-baġit fil-perjodu ta' rapportar u sejjer ikun hemm bżonn ukoll ta' sforz kontinwu u konġunt sabiex jiġi implimentat il-programm ta' hħidma msemmi f'dan id-dokument.

1.2 Il-Missjoni, Viżjoni u Valuri Fundamentali tal-Aġenzija

Aħna l-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA)³. Aħna responsabbli mill-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-oqsma ta' ġustizzja u affarijiet interni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u s-Sistema Eurodac. Skont il-mandat tagħha, il-missjoni ewlenija tal-Aġenzija hija li timpenja ruħha sabiex kontinwament iżżid il-valur lill-Istati Membri, permezz ta' appoġġ bit-teknoloġija għall-isfidi tagħhom għal Ewropa iktar sikura. L-Aġenzija ħadet impenn li tagħmel li ġej:

- tipprovdi servizzi u soluzzjonijiet ta' kwalità għolja u effiċjenti;
- tibni fiduċja bejn il-partijiet ikkonċernati kollha filwaqt li tallinja b' mod kontinwu l-kapaċitajiet tat-teknoloġija mal-ħtiġijiet li qegħdin jevolvu tal-Istati Membri; u
- tikber bħala ċentru ta' eċċellenza.

Il-viżjoni tagħna hija li nipprovdu soluzzjonijiet u servizzi effiċjenti u ta' kwalità għolja lill-partijiet ikkonċernati tagħna u li nirbħu u nżommu l-fiduċja tagħhom. Il-mira tagħna hija wkoll li kontinwament inżommu l-kapaċitajiet tat-teknoloġija fl-istess linja mal-ħtiġijiet li qegħdin jevolvu tal-Istati Membri u li nikbru bħala ċentru ta' eċċellenza fil-qasam tal-kompetenza tagħna.

L-Aġenzija tħaddan għadd ta' valuri ewlenin li jmexxu u jsaħħu l-attivitajiet operattivi tagħha u l-iżvilupp strateġiku tal-organizzazzjoni:

- Responsabilità: l-iskjerament ta' qafas ta' governanza sod, ġestjoni finanzjarja tajba u operazzjonijiet kosteffiċjenti;
- Trasparenza: il-forniment ta' komunikazzjoni regolari lill-partijiet interessati ewlenin tal-Aġenzija u l-involvement tagħhom fi djalogu kontinwu sabiex jistabbilixxu l-istrateġija fit-tul għall-iżvilupp tal-aġenzija;
- Eċċellenza: permezz tal-istruttura organizzazzjonali t-tajba, il-persuni t-tajba u l-proċessi t-tajba fis-seħħ sabiex jiġu żgurati kontinwità fis-servizz u komprensività funzjonali tal-għodod ipprovduti lill-Istati Membri;
- Kontinwità: li jiġi żgurat li l-Aġenzija sejra tagħmel l-aħjar użu mill-kompetenzi, l-għarfien u l-investimenti li għamlu l-Istati Membri u li sejra tkompli tiżviluppahom;

³ L-Aġenzija twaqqfet permezz tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 286, 01.11.2011, p.1) li daħal fis-seħħ fil-21 ta' Novembru 2011. Ir-Regolament ipprova sabiex l-Aġenzija tiegħu r-responsabbiltajiet tagħha mill-1 ta' Diċembru 2012).

- HĦdma f'tim: li tfittex li tagħti setgħa lil kull membru fit-tim sabiex jagħmel l-aħjar użu mill-għarfien u l-esperjenza tiegħu, biex b'hekk jikkontribwixxi għas-suċċess komuni;
- L-attenzjoni lejn il-klijent: li jiġi żgurat li l-Aġenzija hija allinjata fi kwalunkwe ħin mal-ħtiġijiet u t-talbiet tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

1.3 Kuntest Politiku u Ħarsa Ġenerali għall-2016

Il-linji gwida strateġiċi għal ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri għall-2016 u l-futur kienu definiti mill-Kunsill Ewropew meta ltaqa' f'Ġunju 2014. Kien ikkonkluda li l-prijorità assoluta għandha tkun li jkun hemm traspożizzjoni, implimentazzjoni u konsolidazzjoni konsistenti tal-istrumenti legali u tal-miżuri tal-politika li diġà huma fis-seħħ.

Għalhekk, bil-klima ekonomika attwali u r-riżorsi finanzjarji limitati, aktarx huwa possibbli li l-azzjoni fil-futur tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam sejjer ikollha tkun iffokata fuq il-prijoritajiet ewlenin tagħha, bl-enfasi mixħuta fuq il-kwalità tal-implimentazzjoni tal-acquis tal-Unjoni; fi kliem ieħor, konsolidazzjoni tal-kisbiet tat-tliet programmi preċedenti tal-ĠAI. F'dan il-kuntest, l-Aġenda Ewropea għall-Migrazzjoni u l-Aġenda Ewropea għas-Sigurtà se jipprovdu b'mod partikolari l-oqfsa ewlenin sabiex jissaħħu l-isforzi tal-UE fil-ġestjoni tal-flussi tal-migrazzjoni u l-kwistjonijiet tas-sigurtà assoċjati.

Minkejja l-iffukar fuq il-konsolidazzjoni u l-implimentazzjoni tal-acquis eżistenti aktar milli xi inizjattivi oħra ġodda fid-dawl tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2014, aktarx li l-2016 xorta waħda sejra tkun sena impenjattiva għall-eu-LISA, b'impenji eżistenti għall-integrazzjoni ta' Stati Membri ġodda u l-implimentazzjoni ta' bidliet funzjonali meħtieġa bħala riżultat tal-bidliet fil-bażi ġuridika għas-sistemi tagħha (pereżempju emendi fil-Kodiċi dwar il-Viżi) li trid tagħmel l-Aġenzija flimkien mal-operazzjoni kontinwa tas-sistemi taħt il-ġestjoni tagħha.

Fl-2016 l-importanza tas-sistemi ġestiti mill-Aġenzija aktarx li sejra tkompli tikber għall-awtoritajiet nazzjonali, bħala dipendenza fuq it-teknoloġija sabiex tipprovdi ġestjoni effettiva tal-ażil, il-migrazzjoni u l-fruntieri b'mod kosteffiċjenti huma u jikbru l-isfidi fil-ġestjoni tal-fruntieri, l-ażil u l-infurzar tal-liġi fl-Ewropa kollha. L-Aġenda Ewropea għas-Sigurtà, li tkopri l-perjodu 2015 – 2020, tista' tirrikonoxxi l-importanza tal-eu-LISA bħala waħda mill-ixprunaturi ta' rispons integrat għat-theċdid eżistenti u emerġenti għas-sigurtà Ewropea, speċjalment fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri. Soġġett għall-approvazzjoni leġiżlattiva tiegħu, l-2016 tista' tara wkoll it-tnejn għall-iżvilupp u l-bidu ta' implimentazzjoni (jekk fattibbli) tal-pakkett tal-Fruntieri Intelliġenti (li jikkonsisti fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) u l-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati (RTP)).

Filwaqt li huwa kważi ċert li l-allinjar strateġiku mill-ġdid wara Stokkolma għall-koerenza, is-simplifikazzjoni u l-kosteffiċjenza fl-oqfsa tal-ĠAI fl-2016 iżid id-dipendenza fuq is-sistemi tal-IT fuq skala kbira sabiex ikunu provduti soluzzjonijiet effettivi u effiċjenti u għajnuna fil-ġestjoni tal-fruntieri u l-infurzar tal-liġi, hemm ukoll pressjoni dejjem ikbar fuq l-aġenziji deċentralizzati bħalma hi l-eu-LISA min-naħa tal-awtorità tal-baġit sabiex jikkontribwixxu għall-miri ta' tnaqqis stabbiliti għall-Unjoni fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020, li fil-fatt jitleb lill-Aġenzija sabiex tagħmel iktar b'inqas. Għaldaqstant, waħda mill-isfidi ewlenin għall-Aġenzija fl-2016 hija li ttipprova tkampa b'inqas riżorsi u tkompli turi lill-partijiet ikkonċernati kollha u lill-bqija tas-soċjetà li kapaċi tkompli tipprovdi sigurtà, effiċjenza u valur għall-flus. Ta' min jinnota li fit-tieni nofs tal-2015 l-Unjoni Ewropea ħabbtet wiċċha mal-ikbar pressjoni ta' migrazzjoni li qatt rat mindu faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija. Mijiet ta' eluf ta' refuġjati u migranti ekonomiċi mill-Afrika u Lvant Nofsani waslu fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, sabiex jingħataw protezzjoni u futur aħjar. Element ewlieni fil-kapaċità tal-Unjoni sabiex tipprovdi azzjoni konġunta u f'waqtha għall-kriżi huwa d-disponibilità bla waqfien tal-EURODAC u s-SIS II. F'dan ir-rigward l-eu-LISA tagħraf l-importanza u l-kontribut dejjem ikbar tas-sistemi taħt il-ġestjoni tagħha għall-implimentazzjoni prattika tal-prijoritajiet politiċi u l-istrument legali fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni.

Fl-2015 l-Aġenzija diġà ħadet azzjonijiet straordinarji sabiex iżżid il-kapaċità tal-EURODAC bħala tweġiba għall-ħtiġijiet ikbar tal-Istati Membri, li affaċċjaw il-flussi tal-migrazzjoni preżenti. Għall-2016 l-eu-LISA inkorporat fil-programm ta' ħidma tagħha l-azzjonijiet neċessarji kollha sabiex tiżgura funzjonament stabbli tal-EURODAC u s-SIS II u sabiex tintroduċi l-evoluzzjonijiet tekniċi u funzjonali neċessarji. Barra minn hekk, l-aġenzija tagħraf l-importanza tal-approċċ hotspot il-ġdid sabiex tgħin lill-Istati Membri fil-ġestjoni tal-flussi tal-migrazzjoni u hija lesta li ttipprovi l-kompetenza teknika neċessarja u l-għajnuna għaliha matul is-sena.

2. Għanijiet u Miri għall-2016

2.1 L-Għanijiet Strateġiċi tal-Aġenzija għall-2016

Fl-2016 l-aġenzija sejra tkompli torganizza xogħolha sabiex tkompli tilħaq l-erba' għanijiet strateġiċi ewlenin tagħha. Dawn jirriflettu l-mandat tal-Aġenzija fil-perjodu ta' meta nkitbu u l-prijoritajiet tagħha kif imfissra permezz ta' djalogu mal-Istati Membri. Dawn l-għanijiet ġew stabbiliti fl-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija u ġew adottati mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA f'Marzu 2014. It-taqsimha ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor il-ħidma ppjanata u li għaddejjha għat-twassil ta' dawn l-għanijiet matul il-perjodu ta' rapportar.

2.1.1 Għan Strateġiku 1: Tkompli tikber bħala kontributor għal u faċilitatur tal-politiki tal-libertà, sigurtà u ġustizzja fl-Ewropa

Fl-2016, il-qofol tal-isforzi tal-eu-LISA sejjer ikun li tkompli żżomm operazzjoni kontinwa tas-sistemi ġestiti minnha u tiżgura l-evoluzzjoni kontinwa tagħhom skont dak li jeħtieġu l-partijiet ikkonċernati u l-imsieħba. Fil-prattika dan ifisser li flimkien mal-għajnuna lill-SM permezz taċ-ċiklu tal-ħajja sñiħ tas-sistemi ġestiti minnha u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' manutenzjoni xierqa korrettivi, adattivi u evoluttivi, l-Aġenzija sejra tkun qiegħda taffaċċja numru ta' proġetti kummerċjali kritiċi addizzjonali li jaffettwaw il-ġestjoni operattiva tas-sistemi, fosthom l-integrazzjoni ta' stati membri ġodda fis-SIS II, is-superviżjoni fuq it-trasferiment lil kuntratturi ġodda tal-MWO għall-VIS/BMS u l-ġestjoni b'suċċess tal-migrazzjoni lil fornitur ġdid tas-servizz għan-netwerk tal-komunikazzjonijiet tas-sistemi (Testa-NG).

2.1.2 Għan Strateġiku 2: Issir ċentru ta' eċċellenza rikonoxxut u fornitur tas-servizzi tal-ICT:

Matul is-sena, l-eu-LISA sejra tkompli timplimenta l-oqfsa ta' governanza u operattivi rilevanti fuq il-bażi tal-istandards tal-industrija. Barra minn hekk, l-Aġenzija sejra tkompli tiżviluppa l-mudelli operattivi u ta' governanza tagħha. Sejra tiżgura wkoll ġestjoni effiċjenti u kosteffettiva tas-sistemi permezz tal-monitoraġġ kontinwu u l-evoluzzjoni tal-proċessi operattivi, billi tfittex opportunitajiet sabiex tottimizza u ttejjeb l-"Ispiża Totali tas-Sjieda"⁴ tas-sistemi eżistenti. Sejra tara li tkompli tibni l-kapaċitajiet strateġiċi tal-Aġenzija wkoll.

L-Aġenzija sejra tfittex ukoll li toħloq sinerġiji u ekonomiji ta' skala, billi tistabbilixxi sħubiji ma' aġenziji oħra fil-qasam tal-ĠAI, u tipprovdi lilhom u lill-Istati Membri servizzi fuq il-bażi tal-mandat tagħha u billi ssegwi l-prinċipju ta' komplimentarjetà.

2.1.3 Għan Strateġiku 3: Tikber bħala ċentru ewleni tat-teknoloġija tal-ICT u ċentru ta' kompetenzi tal-UE:

L-Aġenzija sejra tkompli tidħol fi sħubiji ma' atturi rilevanti sabiex trawwem koerenza tal-politika u operattiva fis-setturi u sabiex tinflwenza politiki u azzjonijiet li jistgħu jkun ta' benefiċċju għall-eżekuzzjoni tal-mandat tal-eu-LISA u ta' dak tal-partijiet ikkonċernati tagħha. Għalhekk, l-Aġenzija sejra tkompli tiżviluppa sħubiji interni u esterni mal-Istati Membri, istituzzjonijiet, aġenziji rilevanti tal-UE u msieħba oħrajn sabiex jinħolqu u jiġu żviluppanti sinerġiji u ekonomiji ta' skala fil-qasam tal-ICT.

L-Aġenzija sejra tfittex ukoll li tagħmel skambju ta' esperjenzi u għarfien fl-ICT ma' msieħba identifikati, b'mod partikolari dawk attivi fi fħdan il-qasam ta' politika tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, u sejra tkompli tikkontribwixxi għall-iskjerament ta' sistemi komuni u pjattaformi tat-teknoloġija u tipprovdi servizzi skont l-

⁴ L-Ispiża Totali tas-Sjieda hija stima finanzjarja maħruġa sabiex tiddetermina l-ispejjeż diretti u indiretti ta' prodott jew sistema. Mal-ewwel prezz tax-xiri din iżżid kwalunkwe spiża oħra li mistennija tiġġarrab tul il-ħajja tal-prodott.

istrumenti legali rilevanti fis-seħħ rigward is-sistemi li tiegħu ħsieb l-Aġenzija. Għal dan l-għan strateġiku huma integrali wkoll it-tisfih u l-approfondiment tar-rabtiet mas-settur tal-industrija sabiex jinkiseb aktar għarfien f'oqsma rilevanti għall-mandat tal-Aġenzija.

2.1.4 Għan Strateġiku 4: Tiżviluppa organizzazzjoni moderna, effiċjenti u aġili:

Fl-2016 l-Aġenzija se tkun ilha erba' snin sħaħ topera. Strutturi tas-servizzi korporattivi kritiċi interni u strutturi ta' governanza diġà se jkun ikunu ġew stabbiliti sa daż-żmien. Għalhekk, l-isfida għall-Aġenzija fl-2016 hija li tkompli bit-tisfih ta' dawn il-proċessi, b'enfasi sabiex tkompli tiżviluppa l-effiċjenza u l-effikaċja tagħhom flimkien mal-aqwa tħaddim tagħhom. Dan jeħtieġ li jinkiseb fl-isfond ta' awsterità kontinwa u tnaqqis fil-baġit, bl-aġenziji kollha li huma mistennijin jikkontribwixxu għat-tnaqqis stabbilit għall-Unjoni fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020⁵ (bil-mira tkun li l-persunal jitnaqqas b'5% bejn l-2013 u l-2018 fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE).

2.2 Għanijiet u Attivitàjiet tal-Aġenzija għall-2016

L-eu-LISA temmen li għandha tkun stabbilita rabta ċara bejn l-elementi operattivi u strateġiċi tal-ippjanar tal-Aġenzija, billi tipprovi pont bejn l-għanijiet strateġiċi tal-Aġenzija u r-riżultati operazzjonali annwali tagħha. Dan huwa importanti sempliċement għaliex huma l-azzjonijiet ta' kuljum tal-operazzjonijiet tagħha li, meta jitqiesu fit-totalità tagħhom, jikkostitwixxu d-direzzjoni strateġika fit-tul tal-eu-LISA. Għaldaqstant, hawn taħt hawn deskritti l-għanijiet operazzjonali tal-2016 li se jkun jipprovdur l-pedamenti għall-evoluzzjoni strateġika tal-Aġenzija.

2.2.1 Għanijiet u Attivitàjiet Previsti għall-2016 biex ikunu ta' sostenn għat-Twettiq ta' Għan Strateġiku 1:

"Tkompli tikber bħala kontributur għal u faċilitatur tal-politiki tal-libertà, sigurtà u ġustizzja fl-Ewropa"

Fl-2016, l-Aġenzija sejra tibqa' ffokata sabiex iżżomm l-operazzjoni kontinwa tas-sistemi taħt l-ġestjoni tagħha u tiżgura l-evoluzzjoni kontinwa tagħhom skont ir-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati u l-imsieħba tagħha. Fil-prattika dan ifisser li flimkien mal-għajnuna lill-SM permezz taċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tas-sistemi ġestiti minnha u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' manutenzjoni xierqa korrettivi, adattivi u evoluttivi, l-Aġenzija sejra tkun qiegħda taffaċċja numru ta' proġetti kummerċjali kritiċi addizzjonali li jaffettwaw il-ġestjoni operattiva tas-sistemi, fosthom l-integrazzjoni ta' stati membri ġodda fis-SIS II, is-superviżjoni fuq it-trasferiment lil kuntratturi ġodda tal-MWO għall-VIS/BMS u l-ġestjoni b'suċċess tal-migrazzjoni lil fornitur ġdid tas-servizz għan-netwerk tal-komunikazzjonijiet tas-sistemi (Testa-NG). L-Aġenzija sejra tibda tidentifika wkoll dawg l-attivitàjiet u r-riżultati li l-eżekuzzjoni tagħhom jista' jkollha implikazzjonijiet fuq ir-riżorsi jew il-baġit għall-Istati Membri nfushom u tuża l-Gruppi konsultattivi sabiex tikkomunikalhom dawn il-previżjonijiet f'waqthom.

2.2.1.1 Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi

Il-ħidma ewlenija li qiegħda tissokta l-Aġenzija hija li tiżgura aċċess mingħajr tfixkil għas-sistemi kollha ġestiti minnha, 24 siegħa kuljum, 7at ijiem fil-ġimgħa, sabiex ikun jista' jsir l-iskambju kontinwu ta' data bejn l-awtoritajiet nazzjonali u korpi oħra awtorizzati li jużawhom, f'konformità mal-oqfsa legali tagħhom u r-Regolament li Jistabbilixxi l-eu-LISA.

Fl-2016 l-Aġenzija se tkompli tkun responsabbli mill-ġestjoni operattiva tal-VIS/BMS, is-SIS II u l-Eurodac kif ukoll mill-pjattaformi ta' skambju tal-komunikazzjonijiet u informazzjoni rispettivi tagħhom (SIRENE Mail, VISION, Dublinet u VIS Mail 2). Ta' min jinnota li l-ġestjoni tal-VIS Mail 2 ma ġietx inkluża fil-kuntratt mat-T

⁵ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: "L-ipprogrammar ta' riżorsi umani u finanzjarji għall-aġenziji deċentralizzati 2014-2020", 10/7/2013, COM (2013) 519.

systems għan-network ta' Testa NG u għandu jittieħed mill-eu-LISA. L-aġenzija se jra tkompli tmexxi l-infrastruttura sottostanti għas-sistemi kollha fis-siti operattivi u ta' riserva tagħha u se jra tipprovdi monitoraġġ kontinwu tal-infrastruttura, is-servizzi u s-sistemi kollha. Se jra tkompli tipprovdi wkoll iktar monitoraġġ u superviżjoni fuq l-infrastruttura ta' komunikazzjoni rilevanti tas-sistema, kompitu li bħalissa tikkondividi mal-Kummissjoni Ewropea. Riżultat ewlieni li għandha tikseb l-Aġenzija jibqa' dak li tkompli ttejjeb id-dipendenza u d-disponibilità tas-sistemi ġestiti sabiex jaħdmu aħjar u jiżded is-sodisfazzjon tal-utent. Dan se jra iktar jintlaħaq l-aktar permezz tal-implimentazzjoni ta' programmi ta' manutenzjoni xierqa korrettivi, adattivi u evoluttivi għas-sistemi.

Minbarra s-servizzi tal-ġestjoni tal-applikazzjonijiet, is-superviżjoni tal-manutenzjoni u l-assistenza lill-utenti tal-Istati Membri, hemm għadd ta' oqsma ta' iffukar operattiv għal kull sistema fl-2016. Għall-Eurodac, l-eżekuzzjoni tal-proġetti biex ikunu implimentati u riveduti xi aspetti tal-funzjonalità tagħha meħtieġa bħala riżultat tar-Regolament ta' Riformazzjoni tagħha fl-2015 se jra tkompli fl-2016. Bidliet bħal dawn jistgħu jinkludu emendi fl-arranġamenti kuntrattwali għall-manutenzjoni ta' partijiet terzi (b'numru ta' għażliet kuntrattwali li attwalment qegħdin jiġu kkunsidrati sabiex jiġġeddu jew jestendu l-arranġamenti ta' manutenzjoni għas-sistema), minbarra l-aspetti ta' bidliet tal-funzjonijiet ta' rappurtaġġ tas-sistema sabiex ikunu konformi mal-bażi ġuridika riveduta.

Għas-SIS II (kif ukoll għas-sistemi l-oħra), l-iżvilupp ulterjuri fil-kwalità u l-ambitu tal-għajnuna teknika u l-aċċess għal ambjenti ta' ttestjar għall-Istati Membri se jra ikunu l-ħidma ewlenija fl-2016, meta pjattaforma virtwali għall-ittestjar u simulatur ċentrali se jra itejbu l-aċċess għall-Istati Membri sabiex jittestjaw u jippruvaw l-ambjenti. Barra minn hekk, il-Kroazja hija skedata li ssir utent assolut tas-sistema wkoll, u għalhekk iridu jitlestew l-integrazzjoni meħtieġa u l-programmi ta' taħriġ għall-utenti.

Wara t-tlestija tat-tnedija globali tal-VIS/BMS fl-2015, is-sistema se jra tkompli tikber sabiex gradwalment tilħaq il-kapaċità operattiva mexxejja tagħha. L-Aġenzija se jra iktollha ssaħħaħ il-kapaċità tal-infrastruttura ta' ttestjar tagħha sabiex b'mod effiċjenti u xieraq tiffinalizza ż-żieda tal-kapaċità prevista tal-VIS u l-BMS. Fuq bażi kuntrattwali, kuntratt ġdid tal-VIS u l-BMS għaż-Żamma f'Kundizzjoni Funzjonali (MWO) huwa skedat li jkun mogħti u mgħoddi bejn il-kuntratturi matul is-sena. Madwar l-organizzazzjoni, mudell ta' servizz unit biex jittieħdu iktar deċiżjonijiet informati dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi u r-riskji se jra jissaħħaħ, u hekk ukoll se jra jissaħħu l-proċeduri ta' ġestjoni fil-bidla u l-konfigurazzjoni li jipprovdu proċess wieħed għall-ġestjoni tal-bidla fl-applikazzjonijiet u l-infrastruttura tal-IT ġestiti, billi jgħinu sabiex jinħoloq servizz iktar iffokat u organizzazzjoni tal-IT immexxija b'valuri. Sabiex tikseb dan, l-Aġenzija se jra tkompli bl-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali tal-Librerija ta' Infrastruttura tat-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni / il-Ġestjoni tas-Servizzi tat-Teknoloġija tal-infurmazzjoni (ITIL/ITSM), li fl-2016 għandha tilħaq il-qofol tagħha.

F'konformità mar-rekwiżiti legali rilevanti, l-Aġenzija se jra żżomm ukoll separazzjoni sħiħa tad-data ta' kull sistema individwali sabiex iżżomm l-oġġla livell ta' sigurtà, protezzjoni tad-data u affidabilità.

Fl-2016 l-Aġenzija se jra tkompli telabora l-proċess ta' Ġestjoni tal-Bidla diġà implimentat. Dawn l-evoluzzjonijiet jinkludu l-irfinar tal-istess proċess u kif ukoll l-ippjanar li daħħlet fis-seħħ l-Aġenzija sabiex timplimenta bidliet imprevisti matul is-sena.

2.2.1.2 Evoluzzjoni tas-Sistemi:

Is-sistemi ġestiti mill-eu-LISA se jra iktomplu jevolvu skont ir-rekwiżiti legali u l-ħtiġijiet operattivi tal-Istati Membri. Filwaqt li ssegiwi pjan direzzjonali evoluzzjonarju definit b'mod ċar għal kull sistema, l-Aġenzija se jra tkompli teżamina kemm huwa fattibbli li jkun ipprovdut aċċess b'sistema mobbli għall-Eurodac. L-Aġenzija biħsiebha wkoll tgħin lill-Kummissjoni Ewropea fit-twettiq tal-istudju tagħha dwar il-valutazzjoni tal-impatt fuq

il-migrazzjoni tal-Eurodac għal network virtwali kriptat dedikat għaliha⁶. L-Aġenzija sejra tkompli ittejjeb is-servizzi eżistenti wkoll u tallinja s-sistemi mal-ħtiġijiet tan-negozji u tal-utenti. Sejra żżomm fis-seħħ ukoll proċessi ta' ġestjoni bi tnedija effettiva sabiex tiżgura l-andament mexxej tas-servizzi l-ġodda fil-produzzjoni u sejra tkompli tirrevedi l-arkitettura tas-sistemi attwali sabiex tidentifika u tisfrutta kwalunkwe ekonomija ta' skala jew opportunità għal iktar effiċjenza.

Hemm numru sinifikanti ta' attivitajiet u proġetti evoluzzjonarji speċifiċi ppjanati għall-2016. Uħud, bħal pereżempju l-formazzjoni ta' ambjent ta' żvilupp għas-sistemi kollha u l-implimentazzjoni ta' pjattaformi għall-ittejjjar virtwali, sejrini ikunu ta' benefiċċju għas-sistemi kollha ġestiti. Inizjattivi ppjanati oħrajn għall-benefiċċju kollettiv tas-sistemi kollha jinkludu titjib fil-kopertura ta' appoġġ tal-istazzjon tax-xogħol tal-utent finali u struttura aħjar tal-interfaċċji tas-sistemi fil-maħżen virtwali tad-data tal-Aġenzija sabiex jittejjbu r-rapportar awtomatiku u l-ġenerazzjoni tal-istatistiki.

Minn Marzu 2015 ġiet osservata żieda qawwija fin-numru ta' applikanti għall-ażil, bħala riżultat dirett tas-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq. Sakemm l-EURODAC tipprovi kapaciċitajiet tekniċi għall-implimentazzjoni prattika tal-Konvenzjoni ta' Dublin, l-Aġenzija osservat impatt dirett fuq is-sistema f'termini ta' żieda sinifikanti fid-domanda għas-servizz u n-numru ta' reġistrazzjonijiet ġodda. Aktar analiżi ta' din it-tendenza fl-2015 wasslet sabiex l-Aġenzija tikkonkludi li hija meħtieġa żieda fil-kapaċità ta' emerġenza mhux ippjanata tas-sistema. Bħala konsegwenza fir-raba' trimestru tal-2015 l-eu-LISA diġà kienet ħadet passi partikolari biex tavvanza l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-kapaċità tas-sistema u tkompli għaddejja bl-arranġamenti kuntrattwali meħtieġa biex tiżdied għal 7 Miljun marka tas-swaba'. Madankollu, fl-2016 l-Aġenzija sejra tkompli tosserva bir-reqqa t-tendenzi fil-flussi tal-migrazzjoni u sejra tkun lesta li tkompli iżid il-kapaċità tas-sistema jekk ikun hemm bżonn kif ukoll tippjana u tagħmel evoluzzjonijiet funzjonali u tekniċi oħra (skont il-baġit disponibbli u min jirbaħ il-kuntratt ġdid tal-MWO) sabiex tkompli tallinja l-kapaċitajiet tal-EURODAC mal-iżviluppi fis-sistema tal-ażil tal-UE.

Fl-2016 il-Kroazja, l-Irlanda u Ċipru sejrini ikunu fil-proċess li jiġu integrati b'mod attiv fis-SIS II u SIRENE bħala utenti ġodda jew inkella sejrini ikunu fil-pjan ta' integrazzjoni. Għalhekk, jistgħu jkunu meħtieġa bidliet funzjonali sabiex ikunu akkomodati dawn l-utenti l-ġodda.

Is-SIS-II tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti li jdaħħlu u jikkonsultaw twissijiet dwar ċerti kategoriji ta' persuni u oġġetti mfittxija jew neqsin. Fil-każ ta' twissijiet relatati ma' persuni, is-SIS-II diġà toffri l-possibbiltà li tiġi pproċessata data bijometrika. Madankollu, il-possibbiltà li tiġi identifikata persuna fuq il-bażi tal-marki tas-swaba' tagħha - funzjonalità li teħtieġ l-implimentazzjoni ta' Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS) - għadha mhijiex fis-seħħ. Sabiex din il-funzjonalità tkun tista' tiġi implimentata fis-SIS II, il-Kummissjoni ppreżentat rapport dwar id-disponibbiltà u l-prontezza tat-teknoloġija meħtieġa, wara li kkonsultat il-Parlament Ewropew (ara l-Artikoli 22(C) tad-Deċiżjoni u r-Regolamenti dwar is-SIS-II). Għal dan il-għan, COM DG HOME talab studju liċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) sabiex jindirizza r-rekwiżit iddikjarat fl-Artikolu 22(c) u biex jipprovi informazzjoni dwar jekk it-teknoloġija tal-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' hijiex matura biżżejjed biex tiġi integrata fis-SISII. L-istudju ta' JRC sar disponibbli f'Novembru 2015 u rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar id-disponibbiltà u l-prontezza ta' teknoloġija biex tidentifika persuna fuq il-bażi tal-marki tas-swaba' li nżammet fis-SIS II ġie ppreżentat fil-21 ta' Marzu 2016 lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) tal-Parlament Ewropew.

Hekk kif ġie rrilaxxat l-istudju ta' JRC, u b'kunsiderazzjoni għas-sitwazzjoni politika attwali, eu-LISA wettqet studju komplementari, ibbażat fuq xenarji differenti, bil-għan li tidentifika r-riżorsi meħtieġa għal tali implimentazzjoni. Abbażi ta' dawn iż-żewġ studji u wara li stabbilixxiet fil-Kumitat tal-Komitololoġija l-

⁶L-Artikolu 3.1.(b) tar-REGOLAMENT (UE) Nru 603/2013 jitlob: "...infrastruttura ta' komunikazzjoni bejn is-Sistema Ċentrali u l-Istati Membri li tipprovi network virtwali f'kodiċi ddedikat għad-data tal-Eurodac ("Infrastruttura ta' Komunikazzjoni")"

ispeċifikazzjonijiet tekniki tal-AFIS fis-SIS II u l-istandards minimi tal-kwalità tad-data għar-rekords tal-marki tas-swaba', eu-LISA għandha tibda l-implimentazzjoni tal-AFIS fis-SISI II fl-2016 filwaqt li tikkunsidra x-xenarju l-aktar pozzittiv bl-objettiv ta' introduzzjoni f'waqtha fuq l-AFIS.

Il-pjan direzzjonali tas-SIS II isemmi numru ta' prijoritàjiet oħra għall-2016, fosthom hemm l-istudju Active2Active tas-SIS II⁷, li l-għan tiegħu huwa li jeżamina kif jaħdmu kemm is-CU u kemm il-BCU f'modalità attiva/attiva (dan jiġri meta żewġ servers jew iktar jgħaqqdu l-konsum tat-traffiku tan-network u jaħdmu bħala tim biex iqassmuh fis-servers tan-network) sabiex ikunu provduti reżiljenza aħjar għas-sistema, kontinwità tan-negożju u użu iktar effiċjenti mir-riżorsi taċ-ċentru tad-data. L-istudju għall-formazzjoni tas-SIS II attiva/attiva se jgħares lejn il-kompatibilità ma' qafas legali applikabbli flimkien mal-analiżi tal-fattibilità teknika u l-impatt finanzjarju.

Wara l-iżviluppi tal-2015 fil-Kunsill bħala reazzjoni għall-kriżi tal-migrazzjoni fl-Ewropa, fl-2016 jista' jkun li l-Aġenzija tintalab ittejjeb il-ħiliet funzjonali tas-SIS II sabiex tinkorpora l-inklużjoni ta' deċiżjonijiet ta' ritorn fis-sistema. Għandu jiġi nnutat li minħabba l-istadju ta' żvilupp f'din l-evoluzzjoni, ir-riżorsi għall-ippjanar u dawk finanzjarji għal tali evoluzzjoni jew studji relatati fl-2016 mhumiex inklużi f'dan l-AWP 2016. L-enfasi ewlenija tal-evoluzzjonijiet ippjanati għall-VIS/BMS fl-2016 sejra tkun li tinżamm il-kapaċità tas-sistemi f'linja maż-żieda fl-użu tas-sistemi, skont l-eżerċizzji volumetriċi kondotti b'mod regolari. Barra minn hekk, l-Istati Membri qablu dwar għadd ta' evoluzzjonijiet tekniċi u funzjonali fil-pjan direzzjonali tal-evoluzzjonijiet tas-sistemi, u dawn se jrin ikunu inkorporati fil-kuntratt il-ġdid tal-MWO. Jinkludu ż-żieda fil-kapaċità tad-DB tal-VIS għal 100 M rekord, l-implimentazzjoni tal-bidliet meħtieġa fis-sistema maħruġa mill-bidliet tal-Kodiċi dwar il-Viżi, u l-allinjament tal-kapaċità tal-ambjent ta' qabel il-produzzjoni mal-ambjent tal-produzzjoni tas-sistema.

2.2.1.3 Ġestjoni tal-Infrastruttura tan-Network u l-Komunikazzjoni

L-eu-LISA għadha responsabbli mis-sorveljanza, is-sigurtà u l-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u kwalunkwe fornitur terz għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-Eurodac, is-SIS II u l-VIS/BMS (kompiti relatati mal-ġestjoni operattiva ta' dawn jistgħu jkunu inkarigati lil fornituri terzi mis-settur privat jew korpi oħrajn⁸). L-Aġenzija tikkondividi r-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni mal-Kummissjoni, li hija responsabbli mill-kompiti kollha l-oħrajn relatati ma' din, b'mod partikolari dawk il-kompiti relatati ma' baġits, xiri, tiġdid u kwistjonijiet kuntrattwali. Il-Kummissjoni tibqa' responsabbli wkoll mill-adozzjoni tal-miżuri ta' sigurtà rilevanti u mill-pjan ta' sigurtà għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni għas-SIS II, skont l-Artiklu 16(1) tar-Regolament tas-SIS II⁹.

Il-fornitur tan-network huwa marbut bil-miżuri tas-sigurtà mfassla fl-istrumenti bażiċi għal kull sistema u ma għandu aċċess għall-ebda data operazzjonali tas-sistemi. L-Aġenzija sejra tkompli tiżgura li dawn id-dispożizzjonijiet kuntrattwali jiġu rispettati u matul il-perjodu ta' rapportar sejra tkompli żżomm u tosserva dawn in-netwerks sabiex tiżgura s-sigurtà u l-affidabilità kontinwi tagħhom.

Il-kuntratt qafas għall-forniment ta' network ġdid ġie ttardjat. Issa hemm kuntratti speċifiċi ġodda fis-seħħ li jestendu l-kuntratti ta' s-Testa sa Settembru 2015. Bħala riżultat, il-parti l-kbira tal-attività biex issir il-migrazzjoni tal-infrastruttura tas-sistemi u l-komunikazzjoni għan-network Testa-NG issa hija proviżarjament skedata li ssir minn tmiem l-2015/bidu l-2016, għalkemm l-ippjanar dettaljat għadu jiddependi mid-data finali tal-firma tal-kuntratt, li fil-ħin tal-kitba hija stmata li tahbet fl-ewwel trimestru tal-2015. Filwaqt li dan id-dewmien jista' jgħalli impatt fuq l-iskeda ta' żmien għall-Evoluzzjonijiet skedati ta' Testa NG, bħalissa t-titjib fis-

⁷ Mingħajr ħsara għal kjarifiki ulterjuri u r-riżultat tal-istudju, il-konformità tal-azzjoni sussegwenti potenzjali mal-qafas legali applikabbli u Artikolu 10 tar-regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija b'mod partikolari, għandha tkun eżaminata ulterjorament mill-Kummissjoni u l-Aġenzija.

⁸ F'konformità mar-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija u r-Regolament (KE, EURATOM) Nru 1605/2002.

⁹ It-tqasim tal-kompiti bejn l-eu-LISA u l-Kummissjoni fir-rigward tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni huwa stabbilit fil-Memorandum ta' Qbil adottat b'deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 3486 finali, iffirmit fit-18 ta' Ġunju 2014.

sigurtà tan-network għall-VIS huwa previst għall-2016 u t-titjib tal-kapaċità tan-network sabiex ilaħħaq mal-ħtiġijiet ta' ttestjar tat-tliet sistemi kollha sejjer ikompli wkoll, skont l-attivitajiet kuntrattwali f'dan il-qasam.

Ġestjoni effettiva tas-servizzi, ġestjoni ta' problemi u inċidenti permezz ta' strutturi ta' helpdesks stabbiliti sejrjn ikomplu matul il-perjodu ta' rapportar. It-tħaddim ta' soluzzjoni ta' monitoraġġ integrata fis-sistemi kollha bbażati fuq il-proċessi ta' ġestjoni tal-avvenimenti tal-ITSM sejjer itejjeb l-operazzjoni normali iżda jippermetti wkoll is-sejbien u l-eskalar ta' kundizzjonijiet eċċezzjonali fejn xieraq.

2.2.1.4 Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Sistemi Ġodda

L-Aġenzija dejjem lesta li tiegħu r-responsabilità għall-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi oħrajn (jiddependi mill-adozzjoni tal-istrumenti legali rilevanti) jew li tagħmel il-bidliet sostantivi li tintalab tagħmel f'sistemi eżistenti taħt il-ġestjoni tagħha.

Il-faзи ta' ttestjar tal-Frontieri Intelliġenti (SB) hija skedata li titlesta f'Novembru 2015. L-għan tagħha huwa li tivverifika kemm huma fattibbli l-għażliet identifikati fl-istudju tekniku ta' qabel u li tivvalida l-kunċetti magħżula kemm għal kontrolli tal-fruntieri manwali kif ukoll awtomatiċi. Ladarba joħroġ ir-riżultat tal-faзи ta' ttestjar u l-adozzjoni tal-proposti leġiżlattivi, il-pakkett tal-Frontieri Intelliġenti huwa mistenni li jiġi adottat mill-koleġiżlaturi mill-aktar fis possibbli fl-2016.¹⁰

Jekk dan jiġi approvat (u jekk jiġu adottati l-bażijiet ġuridiċi rilevanti), it-tabella tal-persunal tal-Aġenzija, flimkien mar-riżorsi meħtieġa kollha l-oħrajn, ikollhom bżonn jiżdiedu sabiex jirriflettu riżorsi umani u finanzjarji addizzjonali meħtieġa għall-Aġenzija biex twettaq dan il-kompitu sinifikanti addizzjonali. Sabiex tkompli tiffaċilita dan il-proċess, l-eu-LISA sejra tkompli ttejjji u taġġorna l-valutazzjonijiet tar-rekwiżiti speċifiċi tal-infrastruttura, il-persunal u l-organizzazzjoni kemm għall-EES kif ukoll għall-RTP matul il-faзи ta' ttestjar kollha u fl-2016 meta jkun hemm bżonn.

2.2.1.5 Sigurtà:

Fl-eu-LISA, li jintlaħaq u jinżamm livell ta' sigurtà fl-Aġenzija huma sfida kumplessa u interdixiplinarja li għaliha mhux biss iridu jiġu kkunsidrati l-komponenti tas-software u l-ħardwer tas-sistemi ġestiti, iżda anki l-mod li bih dawn jirrelataw mal-proċessi umani u mar-restrizzjonijiet fiżiċi tad-dinja reali. L-identifikazzjoni, il-prijoritizzazzjoni u l-ġestjoni effettivi tal-kwistjonijiet u r-riskji fiżiċi u għas-sigurtà tal-informazzjoni kollha sejrjn ikomplu jsiru fl-2016 sabiex jiżguraw li nevolv u nkomplu nimplimentaw l-oqfsa u l-proċeduri tas-sigurtà rilevanti sabiex negħlbu din l-isfida.

Il-miżuri u l-pjanijiet ta' sigurtà xierqa għas-SIS II, il-VIS u l-Eurodac u n-netwerks ta' komunikazzjoni rispettivi tagħhom sejrjn jidħlu fis-seħħ u jiġu adattati sabiex jilqgħu għal kull sfida fiżika jew sfida ta' sigurtà tal-informazzjoni. Il-kontrolli tas-sigurtà fiżika tal-unitajiet ċentrali tas-sistemi sejrjn jibqgħu jsiru b'mod robust bl-aċċess amministrattiv u operattiv għas-sistemi Ċentrali u Supplimentari ġestiti b'mod strett. Barra minn hekk, kwalunkwe komunikazzjoni bejn is-sistemi u lill-Istati Membri hija kriptata u hemm fis-seħħ kontrolli tan-network b'diversi saffi ta' firewalls u kontrolli tal-integrità.

Matul l-2016 l-Aġenzija sejra tkompli taħdem biex tiġi konformi mal-istandards tal-ISO27001 rilevanti, inkluż bl-implimentazzjoni tal-governanza tas-sigurtà integrata, soluzzjonijiet għar-riskji u l-konformità sabiex ikun żgur li l-kontrolli ta' sigurtà adatti għas-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija ġew implimentati kif meħtieġ u jindirizzaw b'mod xieraq riskji ta' sigurtà applikabbli. Sabiex tiżgura konformità ma' tali standards, l-Aġenzija sejra tkompli timplimenta arranġamenti u proċessi sabiex tagħmel żgur li s-sistemi u n-netwerks tagħha huma

¹⁰ L-impatt stmat fuq l-Aġenzija rigward riżorsi addizzjonali għall-iżvilupp tas-sistemi l-ġodda huwa kkundizzjonat u soġġett għall-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-istrumenti leġiżlattivi inklużi d-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi. Jekk jogħġbok ara wkoll l-Anness A, is-sezzjoni Żvilupp ta' sistemi ġodda

soġġetti għar-rekwiżiti ta' kontrolli tas-sigurtà tal-linja bażi, għall-ġestjoni formali tar-riskji u għall-approvazzjoni tas-sigurtà u għal monitoraġġ u ġestjoni kontinwi ta' kwalunkwe riskju residwu.

L-Aġenzija sejra tkompli tissorvelja u ttejjeb ukoll l-effikaċja tal-Istrateġija tagħha għall-Ġestjoni tal-Kontinwità tan-Negozju, billi tagħmel żgur li għandha politiki, proċeduri u arranġamenti ta' ġestjoni b'saħħithom u ttestjati sew fis-seħħ sabiex iwiegħbu għal, jinvestigaw u jirkupraw minn inċidenti ta' sigurtà jew tfixkil ieħor fl-operazzjonijiet tagħha.

2.2.1.6 Protezzjoni tad-Data

L-eu-LISA sejra tkompli tiżgura wkoll konformità sħiħa u rigoruża mad-dispożizzjonijiet kollha dwar il-protezzjoni tad-data li jikkonċernaw kwalunkwe aċċess għad-data fis-sistemi amministrati minnha, bl-użu ta' mudell ta' governanza ta' informazzjoni li jħares u jamministra l-informazzjoni tul iċ-ċiklu kollu tagħha sabiex jiżgura sigurtà, aċċess u disponibilità xierqa.

L-Aġenzija sejra żżomm ukoll sistema sħiħa ta' protezzjoni tad-data fir-rigward tal-operazzjonijiet amministrattivi tagħha u sejra tintegra kunsiderazzjonijiet ewlenin tal-protezzjoni tad-data f'politiki u metodoloġiji eżistenti dwar il-ġestjoni ta' proġetti u riskji.

2.2.1.7 Rapportar u Statistiki

L-Aġenzija sejra tissodisfa l-obbligi statutorji kollha ta' rapportar kif imfassla fir-regolament li stabbilixxa l-eu-LISA u l-bażijiet ġuridiċi rilevanti kollha l-oħrajn, billi tipprovdi rapporti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar il-funzjonament tekniku u s-sigurtà tas-sistema tal-VIS, SIS II u l-Eurodac. Għall-2016, huma previsti dawn ir-rekwiżiti speċifiċi ta' rapportar:

- Il-produzzjoni ta' statistiki annwali u aġġornament annwali tal-lista ta' awtoritajiet tas-SIS II;
- Il-produzzjoni tar-rapport annwali tal-Eurodac tal-2015 (inklużi s-sigurtà u l-funzjonament tekniku) u l-forniment ta' lista aġġornata ta' awtoritajiet tal-ażil.

L-Aġenzija sejra tkompli ttejjeb il-proċess ta' kif toħroġ il-konklużjonijiet dwar l-amministrazzjoni mir-rapportar u l-istatistiki sabiex in-numru tal-istħarriġijiet rispettivi jonqos għall-inqas neċessarju u d-dettalji jirriflettu l-ħtiġijiet tal-utent u l-isfidi operattivi li kontinwament jinbidlu.

2.2.1.8 Forniment ta' Taħriġ dwar is-Sistemi lill-Istati Membri

Fl-2016 sejra tkompli tipprovdi taħriġ tekniku xieraq dwar l-użu tas-SIS II, il-VIS u l-Eurodac lill-awtoritajiet nazzjonali parteċipanti. L-eu-LISA sejra tipprovdi wkoll it-taħriġ xieraq dwar l-aspetti tekniċi tas-SIS II lill-persunal ta' SIRENE, il-membri tat-tim tal-evalwazzjoni tax-Schengen u l-esperti ewlenin.

L-Aġenzija biħsiebha twieġeb b'mod dirett għall-ħtiġijiet tal-istati membri rigward it-talbiet ta' taħriġ ta' "taħriġ lil min iħarreġ" b'appoġġ tal-integrazzjoni fis-sistemi rilevanti ġestiti fl-2016.

L-eu-LISA sejra tkompli tagħti wkoll il-kontribut proattiv tagħha billi tagħti korsijiet ta' taħriġ lill-evalwaturi tax-Schengen u b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, il-FRONTEx u s-CEPOL sejra taġġorna materjal rilevanti għall-kors għat-Tim ta' Evalwaturi tax-Schengen tal-eu-LISA. Huwa maħsub ukoll li sejjer ikun hemm iktar żvilupp ta' programmi komuni ta' taħriġ u skambju ta' ħarrieġa fuq is-sistemi ġestiti ma' Aġenziji rilevanti oħra tal-ĠAI.

L-istrateġija ta' taħriġ u l-portafoll tal-Aġenzija sejrin ikompli jiġu aġġornati matul l-2016 sabiex tkun żgurata l-amministrazzjoni effettiva tal-pjattaforma għat-taħriġ tal-eu-LISA u sejrin jinħarġu skedi dettaljati sħaħ għall-għoti ta' taħriġ fil-Pjan ta' Taħriġ tal-2016.

2.2.2 Għanijiet u Attivitàjiet Previsti għall-2016 biex ikunu ta' sostenn għat-Twettiq ta' Għan Strateġiku 2:

"Issir ċentru ta' eċċellenza rikonoxxut u fornitur tas-servizzi tal-ICT"

Fl-2016, il-mudelli operattivi u ta' governanza tal-Aġenzija sejr in jiġu żviluppati iktar ħalli tkompli titwassal l-operazzjoni kontinwa tas-sistemi ġestiti minnha u tiġi żgurata l-evoluzzjoni bla heda tagħhom skont dak li jeħtieġu l-partijiet ikkonċernati u l-imsieħba tagħha. Fil-prattika dan ifisser li minbarra l-għajjnuna lill-SM matul iċ-ċiklu sħiħ tas-sistemi ġestiti minnha u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' manutenzjoni korrettivi, adattivi u evoluttivi xierqa, l-Aġenzija sejra tkun qiegħda tieġu ħsieb numru ta' proġetti kummerċjali kritiċi addizzjonali li jaffettwaw il-ġestjoni operattiva tas-sistemi, fosthom l-integrazzjoni ta' stati membri ġodda fis-SIS II u SIRENE inklużi l-ittestjar, is-superviżjoni tat-trasferiment lill-kuntratturi l-ġodda tal-MWO għall-VIS/BMS u l-ġestjoni b'suċċess tal-migrazzjoni għal fornitur ġdid tas-servizzi tan-netwerk ta' komunikazzjoni tas-sistemi (Testa-NG).

2.2.2.1 Issir Ċentru ta' Eċċellenza fis-Servizzi tal-ICT:

Bħala parti mill-istrategġija fit-tul tagħha sabiex tiżviluppa f'ċentru ta' eċċellenza, l-Aġenzija sejra tkompli tiżviluppa l-oqfsa komprensivi operattivi u ta' governanza tagħha fuq il-bażi tal-istandards tal-industrija. Din l-enfasi fuq titjib kontinwu fil-governanza korporattiva, il-kontabilità u t-trasparenza sejra tgħin biex jinħolqu opportunitajiet ġodda għall-eu-LISA fil-kollaborazzjoni ma' Aġenziji oħra, billi jitħaffef il-pass tal-innovazzjoni fl-ICT fi ħdan il-qasam politiku tal-ĠAI u ħidma proattiva mal-Aġenziji l-oħrajn tal-ĠAI sabiex ikunu stabbiliti sinerġiji fil-qasam tas-servizzi u s-sostenn tal-ICT (taħt il-mandat tal-Arranġamenti tax-Xogħol stabbiliti).

Titjib kontinwu bħal dan fil-governanza korporattiva, il-kontabilità u t-trasparenza sejjer jinkiseb fl-2016 bl-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali tal-Aġenzija għall-Governanza Korporattiva tal-ICT. L-Aġenzija sejra tkompli telabora wkoll il-mudell ta' arkitettura tal-intrapriża tagħha bħala waħda mill-għodod ewlenin sabiex tikseb l-effiċjenza tal-operazzjonijiet u ekonomiji ta' skala.

L-applikazzjoni tal-prinċipji tal-arkitettura tal-intrapriża dwar użu mill-ġdid, standardizzazzjoni, sensibilizzazzjoni lejn l-innovazzjoni u l-allinjament bejn l-ICT u l-organizzazzjoni usa' sejra tgħin lill-eu-LISA sabiex tkompli tnaqqas spejjeż superfluwi u tirfina l-proċessi u ssawwar vantaġġ sostenibbli u fit-tul għall-Aġenzija u l-partijiet ikkonċernati tagħha. L-Aġenzija sejra tkompli tiżgura wkoll sistemi ta' ġestjoni effiċjenti u kosteffiċjenti permezz tal-monitoraġġ u l-evoluzzjoni kontinwi tal-proċessi operattivi skont l-aħjar Prattika, billi tfitteż opportunitajiet sabiex tottimizza u ttejjeb l-Ispiża Totali tas-Sjieda²¹ (TCO) tas-sistemi eżistenti u tottimizza l-użu tar-riżorsi sabiex taqdi l-ħtiġijiet kummerċjali f'konformità mal-prijoritajiet tal-organizzazzjoni.

Fl-2016 l-Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Programm (PMO) tal-Aġenzija sejjer jissaħħaħ peress li sejjer jiġi integrat iktar fil-mudell ta' governanza tal-Aġenzija u jevolvi bħala l-punt fokali għall-ġestjoni ta' riżorsi bejn l-organizzazzjonijiet filwaqt li jkompli jixpruna l-ġestjoni operattiva tal-proġetti u l-programmi fil-livell ta' aġenzija. Sal-2016 PRINCE2 ikun laħaq ġie adottat bis-sħiħ bħala l-metodoloġija ewlenija tal-proġett formali tal-eu-LISA wkoll.

Sabiex ikun ivverifikat li l-investimenti jaqblu mal-għanijiet strateġiċi tal-eu-LISA u sabiex ikun żgurat qbil dwar il-prijoritizzazzjoni ta' investimenti u approvazzjonijiet tal-proġetti, sejjer ikun hemm bżonn li l-proġetti kollha jiġu ppreżentati lill-Kumitat tal-Investment Kummerċjali (BIC) għall-approvazzjoni u sejr in ikunu bbażati fuq każijiet kummerċjali li jispjegaw ir-raġuni wara l-proġett, l-analiżi tal-kost/il-benefiċċju/ir-riskju, il-pjanijiet ta' implimentazzjoni u r-restrizzjonijiet tal-proġett.

2.2.2.2 Żvilupp Ulterjuri tal-Qafas ta' Governanza tal-Aġenzija:

L-Aġenzija sejra ssaħħaħ u timmatura l-qafas ta' governanza tagħha billi tkompli timplimenta l-pjan direzzjonali tagħha ta' governanza tal-ITIL/ITSM fuq il-bażi ta' qafas tal-aħjar Prattiki għall-adozzjoni ta' metodu ta' ġestjoni tas-servizzi tal-IT, li element importanti minnu sejjer ikun konsolidazzjoni u

²¹ L-Ispiża Totali tas-Sjieda (TCO) hija l-ispiża totali ta' assi tal-kompjuter tul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu, minn meta jiġi akkwistat sat-tneħħija tiegħu. L-għan tal-analiżi tat-TCO huwa li tidentifika, tikkwantifika, u fl-aħħar mill-aħħar tnaqqas l-ispejjeż totali assoċjati mas-sjieda tal-assi f'netwerk.

standardizzazzjoni tal-għodod eżistenti tal-ġestjoni tas-servizzi. L-introduzzjoni ta' proċessi "end-to-end" strutturati u koerenti imfasslin sabiex tiżdied il-kosteffiċjenza sejra ttejjeb fuq livell globali wkoll l-aġilità, l-effikaċja, il-konformità u l-kontroll.

Indikaturi tal-prestazzjoni korporattiva għal proċessi u oqsma funzjonali rilevanti sejr inkomplu jiġu rapportati b'mod regolari matul l-2016. Il-produttjoni u r-rapportar kurrenti tal-istess informazzjoni dwar il-ġestjoni sejr in għinu lid-Direttur Eżekuttiv fil-ġestjoni tal-prestazzjoni tal-organizzazzjoni u sejr in jippermettu sabiex il-Bord tat-Tmexxija u l-Gruppi Konsultattivi jkunu jistgħu jaqdu r-rwoli tagħhom ta' "sfida u appoġġ" lill-Bord Eżekuttiv. Il-qafas dwar il-Ġestjoni tar-Riskji sejr in ikun żviluppat iktar ukoll sabiex ikun żgur li r-riskji u l-kwistjonijiet identifikati jiġu kkontrollati u mitigati b'mod effettiv.

L-Aġenzija sejra tara wkoll li tkompli timplimenta sistema ta' ġestjoni tal-kwalità bbażata fuq il-kisba tal-konformità mal-istandards ISO9001 rilevanti, li elementi minnha sejr in ikunu jinkludu pjan koerenti tal-proċessi kummerċjali flimkien ma' rekwiżiti tal-kwalità tal-partijiet ikkonċernati kollha. Il-kontrolli interni fi ħdan l-Aġenzija sejr in jissaħħu iktar ukoll f'konformità mal-aħjar prattika industrijali.

2.2.2.3 Riċerka u Żvilupp u Evoluzzjoni tas-Sistema:

Bħala organizzazzjoni bbażata fuq it-teknoloġija, l-eu-LISA tagħraf il-fatt li l-integrazzjoni ta' teknoloġiji ġodda xierqa hija importanti ferm għall-mudell operazzjonali tagħha u li l-investigazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dinamiki u l-possibilitajiet il-ġodda li jipprovdu dawn it-teknoloġiji ġodda jistgħu jtejbju ħafna l-prestazzjoni u l-forniment tas-servizz tagħna. Madankollu, bħala Aġenzija operazzjonali u sabiex issegwi l-mandat tagħha, il-punt fokali tal-eu-LISA f'dan il-qasam huwa limitat għall-monitoraġġ tal-attivitajiet ta' riċerka u dawk relatati. Għalhekk, l-Aġenzija, sejra tfittex li ssaħħaħ u tissoda r-relazzjonijiet mal-industrija permezz ta' iżjed koordinazzjoni u kollaborazzjoni ma' atturi tar-riċerka adatti fis-settur privat billi, fost l-oħrajn, tospita u tattendi avvenimenti ta' diskussjoni regolari tal-industrija matul l-2016 u billi tuża l-konferenza annwali tagħha bħala pjattaforma sabiex tipromwovi koperazzjoni effettiva ma' korpi għar-riċerka u partijiet ikkonċernati oħrajn fl-oqsma ta' interess u r-rilevanza għall-Aġenzija u l-partijiet ikkonċernati tagħha.

Huwa ppjanat ukoll li ttejjeb ir-rapportar intern tar-R&Ż b'enfasi fuq l-evoluzzjoni tas-sistemi sabiex tiżgura li l-konklużjonijiet rilevanti tar-riċerka jaslu għand dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet. Fl-2016, istituzzjonijiet ta' riċerka, organizzazzjonijiet tas-settur privat u aġenziji tal-UE rilevanti sejr in ikunu involuti f'suġġetti tekniċi bħalma huma t-teknoloġiji għall-kontroll fil-fruntieri, is-sigurtà tan-netwerk u l-istandards/l-aħjar prattiki, filwaqt li sejr in jinżamm kuntatt kontinwu ma' gruppi ta' riflessjoni adatti dwar l-iżviluppi li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data u kwistjonijiet ta' privatezza.

L-attenzjoni ta' ħidmet l-Aġenzija sejra tinxteħet fuq il-kisba ta' għarfien, speċifikament ħardwer u softwer (IT u bijometrika) li jridu jiġu inkorporati fis-sistemi tad-Dħul/Ħruġ u tal-Vjaġġaturi Rreġistrati bħala parti mill-inizjattiva tal-Fruntieri Intelliġenti. L-Aġenzija sejra tkompli tosserva wkoll ir-riżultati tal-attivitajiet ta' riċerka rilevanti għall-iżvilupp tal-EES u tal-RTP.

2.2.3 Għanijiet u Attivitajiet Previsti għall-2016 biex ikunu ta' Sostenn għat-Twettiq ta' Għan Strateġiku 3:

"Tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija tal-ICT tal-UE u ċ-ċentru ta' kompetenzi prinċipali"

2.2.3.1 Relazzjonijiet mal-Istati Membri, l-Istituzzjonijiet tal-UE u Partijiet Ikkonċernati Oħrajn:

Il-persunal tal-Aġenzija sejr in ikompli jiltaqa' b'mod regolari mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, bl-iktar mekkaniżmi importanti li jibqgħu jkunu l-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija u l-Gruppi Konsultattivi assoċjati magħha. Madankollu, l-Aġenzija sejra tkompli tistabbilixxi u tiżviluppa wkoll relazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku u privat (eż. iċ-Ċentru Konġunta tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea, l-Istitut tar-Riċerka IDIAP u l-Istitut tal-Bijometrika), u kif ukoll ma' istituzzjonijiet u industrij tar-riċerka.

L-uffiċċju ta' kollegament tal-eu-LISA fi Brussell sejjer ikompli jevolvi wkoll matul l-2016 u sejjer jippermetti li jinżammu relazzjonijiet ta' hċdma effettivi mal-Istati Membri, l-Istituzzjonijiet Ewropej u atturi operattivi u tal-politika rilevanti, permezz ta' laqgħat bejn l-Aġenzija u l-Kunsillieri tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. L-Aġenzija sejra tfitteż li ssaħħaħ iktar ir-relazzjonijiet b'saħħithom ta' hċdma u li tintensifika l-kooperazzjoni mal-Kunsillieri tal-ĠAI permezz ta' skambju ta' opinjonijiet regolari.

L-eu-LISA sejra tkompli ssegwi wkoll id-diskussjonijiet rilevanti kollha fil-korpi rilevanti tal-Kunsill (eż. COSI, DAPIX, eċċ), kif ukoll daww fil-Parlament u fil-Kummissjoni, u żżomm kuntatt magħhom sabiex tiżgura li l-pari tal-eu-LISA jitqies fi kwistjonijiet li jaqgħu fi hċdan il-mandat tal-Aġenzija fid-diskussjonijiet rilevanti kollha dwar il-politiki fl-istituzzjonijiet tal-UE. L-Aġenzija tikkunsidra l-għoti ta' pariri u kontribut fl-oqasma rilevanti għall-mandat tagħha bħala wieħed mill-elementi importanti tal-missjoni tagħha. Għalhekk, l-eu-LISA hija lesta li tikkontribwixxi skont il-ħtieġa f'dokumenti rilevanti ta' politika.

2.2.3.2 Relazzjonijiet ma' Aġenziji Ewropej u Korpi Rilevanti Oħrajn:

Bi tkomplija ma' relazzjonijiet konklużi diġà ma' CEPOL, EUROPOL, FRONTEX u EASO, fl-2016 l-eu-LISA sejra tkompli tiżviluppa aktar arranġamenti formali tax-xogħol u ddaħħal fis-seħħ pjanijiet annwali ta' kooperazzjoni mal-Aġenziji msieħba tal-ĠAI meta dan ikun xieraq u prattiku. Sejra tara wkoll li tistabilixxi relazzjonijiet bħal dawn ma' Aġenziji oħrajn tal-ĠAI, u fl-2016 għandha tikkonkludi u tiffirma ftehimiet ta' kooperazzjoni oħrajn mal-ENISA, FRA u EUROJUST.

Il-kooperazzjoni sejra tkompli wkoll fuq livell strateġiku u operazzjonali ma' Aġenziji varji tal-UE b'enfasi fuq l-imsieħba fil-qasam tal-ĠAI. B'mod partikolari, sejra tkompli l-kooperazzjoni mal-FRONTEX f'termini ta' kondiviżjoni tal-għarfien fil-qasam ta' Sistemi ta' Kontroll Awtomatizzati tal-Fruntieri (ABC).

Fl-2016, l-isfidi ta' sigurtà sejr in jipprovdu wkoll opportunitajiet għal kooperazzjoni u kollaborazzjoni; l-Aġenzija sejra tkompli tassisti lill-FRONTEX bl-akkreditazzjoni tas-sigurtà u kwistjonijiet tekniċi oħrajn marbutin mal-*Eurosur* (pjattaforma kondiviża tal-IT li tippermetti lill-awtoritajiet parteċipanti sabiex isegwu u jirriżaminaw mill-ewwel sitwazzjonijiet fi u lil hinn mill-fruntieri esterni tal-UE). Fejn il-bażi ġuridika tippermetti u skont il-ħtieġijiet operattivi u ta' politika, kif ukoll skont it-tip ta' informazzjoni jew rapport meħtieġ, l-Aġenzija hija lesta tipprovdi malli tintalab rapporti ta' statistika u oħrajn dwar is-sistemi inkarigati lilha, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-aġenziji rilevanti tal-ĠAI (soġġetta għal qbil mal-SM rilevanti).

Programmi ta' taħriġ konġunti sejr in ikomplu ma' numru ta' msieħba identifikati bl-eu-LISA li tattendi korsijiet oħrajn tal-Aġenzija bħala ħarrieġ tekniċu, pereżempju fis-CEPOL u l-EASO. Hekk kif l-eu-LISA tiżviluppa u ssaħħaħ il-kompetenzi tal-ICT tagħha, b'mod partikolari fil-bjometrika, għandha wkoll il-potenzjal li tiżviluppa s-sħubiji tekniċi tagħha ma' Aġenziji oħra tal-ĠAI.

Fl-2016, l-Aġenzija sejra tkompli tistabilixxi sħubiji ġodda u tiżviluppa daww eżistenti ma' entitajiet pubbliċi u privati xieraq oħrajn kif meħtieġ, b'enfasi fuq it-tiħiħ tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza, billi tiżviluppa l-kapaċitajiet interni tagħha u billi tgħolli l-profil estern tagħha ma' gruppi ta' partijiet ikkonċernati fil-mira. Għaldaqstant, li jissaħħu u jkunu sodi r-rabtiet mal-akkademja u l-industrija sejjer ikun ta' importanza partikolari. Għalhekk, l-Aġenzija sejra tkompli tniedi u tiżviluppa relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet ta' riċerka u l-industrija fl-2016 sabiex tikseb iktar għarfien f'oqasma identifikati fl-istrateġija fit-tul tagħha, inkluż sehem attiv f'attivitajiet ta' riċerka rilevanti, b'mod partikolari l-proġetti Orizzont 2020 marbuta mal-IT u/jew il-ġestjoni tal-fruntieri. Sehem bħal dan sejjer jinkludi wkoll l-ospitar ta' mill-inqas diskussjoni waħda mal-industrija matul il-perjodu ta' rapportar u preżentazzjoni b'mod regolari tar-riżultati mill-osservazzjoni tar-riċerka f'konferenzi ospitati minn istituzzjonijiet tar-riċerka stabbiliti. L-eu-LISA sejra tkompli tospita wkoll il-konferenza annwali tal-Aġenzija li sejra tkompli tiffoka fuq qasam speċifiku ta' importanza strateġika għall-Aġenzija l-komunità ġenerali tal-ĠAI.

L-intenzjoni strateġika ta' dawn is-sħubiji sejra tkun li tikkonċentra sabiex tagħti appoġġ lill-Aġenzija fit-tweqqiq tal-kompiti tal-mandat tagħha u fl-iżvilupp tal-immagħni pubblika tal-Aġenzija bħala sieħeb effiċjenti u

affidabbli, sabiex tikkopera ma' msieħba fundamentali u partijiet ikkonċernati u sabiex tipprovdi komunikazzjoni bidirezjonali effettiva.

2.2.3.3 Tisħiħ Ulterjuri tal-Komunikazzjoni Esterna:

Imqanqla mill-Istrateġija ta' Komunikazzjoni Esterna u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha, fl-2016 l-Aġenzija sejra tiffoka l-isforzi ta' komunikazzjoni esterna tagħha fuq il-forniment ta' informazzjoni regolari lill-pubbliku Ewropew dwar il-mandat u l-attivitajiet tagħha. Sejra tkompli tippromwovi lill-Aġenzija, billi żżomm l-immagħni pożittiva tagħha u sejra ssaħħaħ il-preżenza tal-Aġenzija fuq l-internet bl-applikazzjoni diliġenti ta' strateġija tal-midja soċjali xierqa.

L-Aġenzija għandha tibqa' konformi wkoll mal-obbligi statutorji u legali kollha tagħha fir-rigward tal-pubblikazzjoni ta' ċerti tipi ta' informazzjoni u sejra tippubblika b'mod regolari wkoll statistiki u rapporti dwar l-użu u l-prestazzjoni tas-sistemi tagħha.

2.2.4 Għanijiet u Attivitajiet Previsti għall-2016 biex ikunu ta' sostenn għat-Twettiq ta' Għan Strateġiku 4:

"Tiżviluppa organizzazzjoni moderna, effiċjenti u aġili"

2.2.4.1 Ippjanar Strateġiku

Fl-2016 sejjer ikun hemm allinjament ulterjuri tal-kapaċitajiet strateġiċi u l-funzjonijiet ta' rapportar tal-Aġenzija. Il-produzzjoni, l-adozzjoni u t-tqassim tal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija, il-programmi ta' hĳidma pluriennali u dawk annwali jew kwalunkwe varjant ta' rapportar ieħor li jista' jevolvi (bħal pereżempju r-Rapport Konġunt dwar l-Attività Annwali jew id-Dokument Wieħed ta' Pprogrammar) sejin ikunu allinjati u integrati ulterjorament fil-proċessi eżistenti. Sejra titfassal skeda ta' żmien stabbilita, ċara u komunikata kif xieraq għall-kontribut meħtieġ tal-persunal fil-produzzjoni u l-adozzjoni tar-rapportar ex-ante u ex post rilevanti kollu.

Sabiex tkun konformi mar-Regolament Finanzjarju Qafas il-ġdid tal-UE, fl-2016 kemm il-programm ta' hĳidma pluriennali kif ukoll dak annwali sejin ikunu integrati f'dokument wieħed ta' pprogrammar li sejjer ikun aġġornat kull sena. Ir-rapportar ex-post aktarx li jinbidel matul is-sena wkoll, fejn ikun probabbli li r-rapport annwali tal-attività tal-Aġenzija u r-rapport annwali aktar ġeneriku jinġabru flimkien fir-Rapport Konġunt dwar l-Attività Annwali²².

2.2.4.2 Ġestjoni Finanzjarja

L-Aġenzija sejra tkompli tiżviluppa l-proċessi u l-proċeduri finanzjarji interni tagħha, permezz ta' metodu iktar proattiv sabiex tiżgura t-trasparenza u l-ġestjoni effettiva tar-riżorsi finanzjarji. Matul il-perjodu ta' rapportar l-unità sejra tkompli timmira wkoll għal livell għoli ta' nfiq skont il-baġit tal-Aġenzija, sabiex ikompli jissimplifika l-flussi tax-xogħol fis-sistemi tal-IT relatati mal-Finanzi tal-Aġenzija nnifisha (partikolarment sabiex il-flussi ta' impenn u pagamenti jiddaħħlu fl-ABAC), bil-għan li jinżamm livell għoli ta' preċiżjoni fil-previżjonijiet baġitarji u jkompli jikteb, jirrevedi u japprova l-proċeduri finanzjarji u tal-akkwist tal-Aġenzija.

2.2.4.3 Ġestjoni tal-Loġistika u l-Faċilitajiet

Fl-2016, il-prijoritajiet ewlenin fil-qasam tal-ġestjoni tal-faċilitajiet u l-loġistika sejin ikunu li jkompli jiġi żgurat li x-xogħol fuq il-bini permanenti tal-Kwartieri Ġenerali f'Talinn u x-xogħlijiet għall-kostruzzjoni u l-arredament mill-ġdid tal-bini eżistenti u l-kostruzzjoni tal-bini l-ġdid fi Strasburgu jżommu bis-sħiħ mal-iskeda kemm tal-attività u kif ukoll tal-baġit. Wara l-approvazzjoni tal-att leġislattiv mill-Parlament Estonjan fid-19 ta' Frar 2015, ġie konkluż id-djalogu bejn il-Gvern Estonjan u l-Aġenzija dwar il-bini tal-Kwartieri Ġenerali l-ġdid tal-eu-LISA.

²² Artikolu 47 tal-FFR (Regolament (UE) Nru 1271/2013, 30/9/2013)

Permezz ta' dan l-att sejjer isir iktar progress sabiex ikun stabbilit u jinbena l-bini tal-eu-LISA f'Talinn b'mod permanenti, li fl-istess ħin huwa pass importanti fl-implimentazzjoni tal-istrateġija fit-tul tagħha. L-uffiċċju huwa mistenni li jitlesta sal-2017.

2.2.4.4 Akkwist:

Matul il-perjodu ta' rapportar l-Aġenzija sejra tkompli tissimplifika l-attivitajiet tal-akkwist tagħha permezz ta' konsolidazzjoni u tisħiħ tal-proċeduri finanzjarji tagħha u tal-akkwist, tibni u żżomm il-kapaċitajiet li tipprovdi pariri kompetenti lill-partijiet rilevanti kollha dwar kwistjonijiet speċifiċi tal-akkwist. L-Aġenzija sejra tenfasizza b'mod partikolari fuq l-iżgurar li kwalunkwe proċedura tal-offerta ġdida titfassal u tiġi rieżaminata sabiex tkun konformi mar-regoli finanzjarji applikabbli, l-aħjar prattika u kwalunkwe eżerċizzju rilevanti ta' lezzjonijiet miksubin. Sejra tagħmel ukoll numru ta' seminars dwar l-iżvilupp u d-disseminazzjoni tal-aħjar prattika fil-qasam ta' kuntratti għaż-Żamma f'Kundizzjoni Funzjonali, li sejjer jara kontinwità tal-komunità fil-prattika u l-applikazzjoni ta' approċċ ta' titjib kontinwu għall-ġestjoni tal-kuntratti kollha relatati mal-IT.

Fl-2016 sejra tassisti wkoll lill-OPS fit-tranżizzjoni tal-Kuntratt Qafas tal-MWO tal-VIS/BMS. L-attivitajiet jinkludu l-ħolqien u l-ġestjoni tal-arranġamenti kuntrattwali sabiex tkun żgurata tranżizzjoni mexxejja bejn il-kuntratturi, f'termini legali u finanzjarji (pereżempju, liċenzjar, trasferiment tal-ġestjoni tal-HW, proċess ta' diliġenza dovuta).

2.2.4.5 Ġestjoni tar-Riżorsi Umani:

Fl-2016 il-funzjoni tal-HR tal-Aġenzija sejra tfitteż li ttejjeb ulterjorament il-kompetenza u l-ħiliet tal-persunal, billi tgħin fil-kisba ta' titjib tal-produttività fl-organizzazzjoni sħiħa bl-applikazzjoni u l-amministrazzjoni ta' firxa ta' elementi bħalma huma t-taħriġ effettiv, l-iżvilupp tal-persunal u eżerċizzji trasparenti u ġusti ta' evalwazzjoni u promozzjoni tal-persunal.

L-eu-LISA sejra ssaħħaħ il-kultura ta' eċċellenza tagħha fil-livelli kollha fi ħdan l-Aġenzija billi tipprovdi taħriġ tekniku u taħriġ ieħor rilevanti u programmi ta' żvilupp immirati għall-persunal sabiex tkompli tiżviluppa organizzazzjoni bi prestazzjoni mill-aqwa. Sejra tibqa' prijorità wkoll l-assistenza li tingħata lill-persunal fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tat-taħriġ tiegħu u l-għajnuna fit-tagħlim sabiex ikollu aċċess għal materjal u korsijiet tekniċi u ġeneriċi ta' taħriġ. Sabiex ikompli jittejjeb l-aċċess, l-Aġenzija sejra żżid il-kapaċitajiet u s-soluzzjonijiet tat-tagħlim elettroniku tagħha matul l-2016.

L-oqfsa ta' kompetenza speċifika għall-unitajiet sejr in jitlestew matul l-2016. Dawn sejr in jipprovdu qafas għall-iżvilupp tal-indiċi ta' ħiliet speċifikati tal-Aġenzija, skedat għall-2020.

L-eu-LISA sejra tkompli tiżviluppa wkoll prattiki importanti fir-reklutaġġ, iż-żamma u r-rikonoxximent tal-persunal tal-Aġenzija bl-enfasi fl-2016 li tinxteħet fuq it-titjib fiż-żamma u l-iżvilupp tal-persunal bl-introduzzjoni ta' numru ta' inizjattivi speċifiċi mfasslin sabiex potenzjalment jitnaqqsu r-rati għoljin tad-dawran. Sejra ssir analiżi tal-livelli tad-dawran bejn okkupazzjonijiet, postijiet u gruppi partikolari ta' ħaddiema (bħal dawk identifikati bħala bl-aqwa prestazzjoni) biex tinbena strateġija ta' żamma komprensiva tal-Aġenzija, li wara eżerċizzju komprensiv ta' konsultazzjoni mal-maniġment u l-persunal tal-eu-LISA, sejra titnieda flimkien mal-istrateġija aġġornata tar-Riżorsi Umani tal-Aġenzija.

Flimkien mal-Kummissjoni, il-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija sejjer ikompli jadotta r-Regoli ta' Implimentazzjoni rilevanti marbutin mal-politika tar-riżorsi umani. Fl-2016, aktarx li n-numru adottat jaqbeż l-40 (minn 29 fl-2014). Anki l-Politika Pluriennali dwar il-Persunal tal-Aġenzija (MSPP) 2017-2019 sejra titħejja fit-tieni parti tas-sena u sejra tirrifletti l-evoluzzjoni tat-Tabella tal-Persunal tal-Aġenzija.

Allegro, għodda tal-IT speċifika tar-riżorsi umani għall-ġestjoni tal-persunal, introdotta fil-bidu tal-2015, aktarx li tilħaq il-maturità operattiva sħiħa sal-bidu tal-2016. Dan sejjer jippermetti lill-persunal kollu sabiex jaċċessa u jaġġorna elementi tal-profil tal-persunal, il-prestazzjoni u t-taħriġ tiegħu. Sistema tal-Ġestjoni Elettronika tad-Dokumenti sejra tkun disponibbli wkoll. Din sejra tippermetti l-ħżin sigur u l-irkupru faċli ta' data personali

sensittiva u dokumenti rilevanti f'konformità mal-istandards u r-rekwiżiti tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

2.2.4.6 Komunikazzjoni Interna:

Il-komunikazzjoni interna sejjer ikollha l-għan li tkompli tiffaċilita u tippromwovi l-missjoni, il-viżjoni u l-valuri fundamentali tal-Aġenzija u li tużahom bħala xprunaturi għall-iżvilupp tal-kultura korporattiva u l-ispirtu ta' tim tagħha. Li tikkomunika ideat ippreżentati b'mod ċar u messaġġ li jolqot sejjer jgħin lill-persunal tal-Aġenzija sabiex iħossu parti mill-miri tal-Aġenzija u jżid il-possibilitajiet tagħha li tibqa' tiżviluppa b'suċċess.

Bl-użu tal-Pjan ta' Komunikazzjoni Interna 2016 u l-Istrateġija Riveduta dwar il-Komunikazzjoni Interna 2016 – 2018 bħala pjanijiet direzzjonali, fl-2016 sejjer ikun hemm mira waħdanija li tkompli ttejjeb il-komunikazzjoni interna bejn is-siti tal-Aġenzija billi tiġi eżegwita firxa wiesgħa ta' strateġiji ta' komunikazzjoni mmirati, bħall-koordinazzjoni u l-ħolqien ta' pubblikazzjonijiet interni u l-kontribut għall-Intranet tal-eu-LISA.

2.2.4.7 Awditjar Intern:

Skont il-pjan ta' awditjar intern stabbilit tagħha, l-Aġenzija sejra tkompli tikkoopera mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea, billi tospita l-missjonijiet tal-awditjar tagħhom u tiegħu miżuri sabiex twieġeb għal kwalunkwe rakkomandazzjoni li tirriżulta. L-Awditur Intern tal-eu-LISA sejjer ikompli jikkoordina x-xogħol f'dan il-qasam fl-2016, inklużi t-tnejjijiet ta' rapporti, attivitajiet ta' segwitu u t-tkomplija tal-iżgurar ta' għarfien ġenerali dwar il-prinċipji, l-għanijiet u l-proċeduri tal-awditjar intern u estern fost il-maniġment u l-persunal tal-Aġenzija. L-Awditur Intern sejjer iwettaq ħidmietu f'konformità mal-Karta dwar l-Awditjar Intern adottata tal-eu-LISA.

Anness A: Għanijiet Operattivi Speċifiċi, Riżultati u Indikaturi tal-Prestazzjoni

L-isforz totali stmat (FTEs³³) marbut mal-għanijiet tal-Programm ta' Ħidma 2016 f'dan l-anness jagħti indikazzjoni raġonevoli tal-allokkazzjoni tar-riżorsi umani disponibbli għall-maġġoranza tal-kompiti li għandha l-Aġenzija fl-2016. Madankollu, il-lista mhix eżawrjenti għal kollox minħabba l-fatt li ma tinkludix dawk l-FTEs relatati mal-kompiti ta' ġestjoni u lanqas ma tipprova tkopri l-attivitatiet kollha orizzontali/ta' appoġġ. Għaldaqstant, it-total ġenerali ta' 125.23FTEs kif indikat hawn taħt huwa inqas mill-popolazzjoni stmata tal-persunal fl-abbozz tal-baġit tal-UE għall-eu-LISA³⁴. Ta' min jinnotta li sejjer ikun hemm ukoll numru ta' FTEs esterni disponibbli għall-Aġenzija sabiex jikkompletaw it-tim prinċipali tagħha, jassistuha fit-tlestija ta' kompiti tekniċi relatati mal-ġestjoni operattiva tas-sistemi.³⁵

Ir-Rapport tad-Dħul u l-Infiq tal-eu-LISA għall-2016 jagħti total globali ta' EUR 80.28 miljun f'Approprjazzjonijiet ta' Impenn, li minnhom hemm infiq tat-Titolu 1 ta' 15.24 miljun euro, infiq tat-Titolu 2 ta' 11.63 miljun euro u infiq tat-Titolu 3 ta' 53.4 miljun euro.

Ta' min jinnotta wkoll li l-ispejjeż tal-kompiti t'hawn taħt, fejn ma huwa allokat ebda baġit speċifiku, sejr in ikunu koperti mill-ispejjeż tal-persunal u l-ispejjeż operazzjonali tal-aġenzija, murija taħt Titolu 1 u Titolu 2 tar-Rapport tad-Dħul u l-Infiq tal-eu-LISA għall-2016 jew sejr in jużaw impenji li saru fi snin ta' qabel u ġew riportati għall-2016.

#	GĦAN STRAT.	PH2016 SEZZJON I REF	DESKRIZZJONI GĦAN STRAT.	RIŻULTAT 2016	ATTIVITÀ/ATTIVITAJIET ANNWALI	PERJODU TAŻ-ŻMIEN						SID	BAĠIT u FTEs		
						<	T1	T2	T3	T4	>		FTE intern	Baġit Allokati	INDIKATUR TAL-PRESTAZZJONI
Attivitajiet relatati mal-EURODAC															
1		2.2.1.1	Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi	Ġestjoni Operattiva tal-Eurodac (Manutenzjoni Korrettiva u Adattiva)	Forniment kontinwu tal-applikazzjoni tas-servizzi ta' ġestjoni 24 siegħa kuljum, superviżjoni tal-manutenzjoni (Riformulazzjoni FWC) u għajjnuna lill-utenti tal-SM	X	X	X	X	X	X	OPS	3	1,080,000	95% tal-interazzjonijiet tal-SM rikonoxxuti f'inqas minn minuta; 95% tal-inċidenti kritiċi kategorizzati f'inqas minn 5 minuti; 95% tal-inċidenti ta' prijorità għolja kategorizzati f'inqas minn 10 minuti; 95% tal-inċidenti moderati kategorizzati f'inqas minn 30 minuta; FLS speċifiku għall-Eurodac miftiehem skont il-miri definiti fl-

³³ *Ekwivalenti għall-Full-time (FTE), unità ta' kejl li tindika n-numru ta' sigħat tax-xogħol li tirrappreżenta ħaddiem full-time wieħed matul perjodu ta' żmien fiss. L-FTE tissimplifika il-kejl ta' xogħol billi tikkonverti s-sigħat tal-ammont ta' xogħol fin-numru ta' nies meħtieġa biex jitlesti dak ix-xogħol;*

³⁴ *L-eu-LISA adottat Pjan Pluriennali tal-Politika tal-Persunal 2016-2018 li jindika l-popolazzjoni tal-persunal f'abbozz tal-baġit tal-UE ta' 118-il Aġent Temporanju, 15-il Aġent Kuntrattwali (8 AK eżistenti u sa 7 AK approvati mill-Bord tat-Tmexxija għall-2016) u 8 Esperti Nazzjonali, li huwa konformi ma' miri stabbiliti għall-Unjoni fl-Qafas Finanzjarju Pluriennali (MFF) 2014-2020 skont il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Ipprogrammar tar-riżorsi umani u finanzjarji għall-aġenziji deċentralizzati matul l-2014-2020" Ta' min jinnotta li l-FTEs iddivulgati hawn fuq ma jinkludux il-persunal amministrattiv tal-Aġenzija u l-assistenti personali. Il-previżjoni baġitarja tal-Aġenzija ta' 80.28 miljun ewro hija kompatibbli mal-limitu massimu finanzjarju fl-MFF ta' 84.7 miljun euro.*

³⁵ *L-istima attwali għall-FTE tal-konsulenza esterna meħtieġa fl-2016 hija ta' 30.25 ekwivalenti FTE sa kważi EUR 3.63 miljun. Minnhom, 23 FTE b'valur stimat ta' EUR 2.75 miljuni huma ddedikati għal attivitatiet operattivi.*

#	GĦAN STRAT.	PH2016 SEZZJON I REF	DESKRIZZJONI GĦAN STRAT.	RIŻULTAT 2016	ATTIVITÀ/ATTIVITAJIET ANNWALI	PERJODU TAŻ-ŻMIEN						SID	BAĠIT u FTEs			
						<	T1	T2	T3	T4	>		FTE intern	Baġit Allokat	INDIKATUR TAL-PRESTAZZJONI	
														Anness 2 għall-Ftehim Standard dwar il-Livell tas-Servizz		
4	1	2.2.1.1	Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi	Ġestjoni tal-Kuntratti tal-Eurodac	Ġestjoni tal-Kuntratti tal-Eurodac	X	X	X	X	X	X	OPS	0.30		Min. ta' 2 laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija fis-sena; min. 8 laqgħat fis-sena mal-kuntrattur fil-livell ta' applikazzjoni/programm; 12-il rapport dwar l-attività fix-xahar rieżaminati u aċċettati fis-sena	
5	1	2.2.1.2	Evoluzzjoni tas-Sistemi	Manutenzjoni evoluttiva tal-Eurodac	Adattamenti tas-sistema wara Riformulazzjoni	X	X	X	X	X	X	OPS	1.25	EUR 1,745,000	Adattamenti forniti kif miftiehem/il-pjan bażi	
	1	2.2.1.2	Evoluzzjoni tas-Sistemi	Studju dwar migrazzjoni għal network dedikat tal-Eurodac	Għajjnuna lill-COM fi studju ta' analiżi tal-impatt fuq kif jinbena network virtwali kriptat dedikat għad-data tal-Eurodac biex jissostitwixxi l-eurodomain eżistenti u biex tkun tista' ssir trażmissjoni sigura ta' servizzi elettroniċi (xml) bejn CS u NS. (art 3 sub 1.b Reg UE 603/2013)		X	X	X	X	X	OPS	0.75	N.B. ¹⁶	Studju fornit skont kif miftiehem/il-pjan bażi	
	1	2.2.1.1	Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi	Preparamenti tal-MWO tal-EURODAC	Tħejjija tal-ispeċifikazzjonijiet u bidu tal-proċess ta' akkwist għall-kuntratt il-ġdid tal-MWO tal-EURODAC						X	X	Akkwist u OPS	2.5		Pjan ta' akkwist għall-MWO tal-EURODAC u l-ewwel abbozz tat-TTS
SIS II – attivitajiet relatati																

¹⁶ Il-baġit stmat għall-istudju huwa ta' 250 000 Euro u huwa inkluż fil-baġit allokati għall-evoluzzjonijiet tas-sistemi

#	GĦAN STRAT.	PH2016 SEZZJON I REF	DESKRIZZJONI GĦAN STRAT.	RIŻULTAT 2016	ATTIVITÀ/ATTIVITAJIET ANNWALI	PERJODU TAŻ-ŻMIEN						SID	BAĠIT u FTEs		
						<	T1	T2	T3	T4	>		FTE intern	Baġit Allokat	INDIKATUR TAL-PRESTAZZJONI
10	1	2.2.1.1	Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi	Manutenzjoni korrettiva tal-SISII	Manutenzjoni korrettiva bażika	X	X	X	X	X	X	OPS	3.50		95% tal-interazzjonijiet tal-SM rikonoxxuti f'inqas minn minuta; 95% ta' inċidenti kritiċi kategorizzati f'inqas minn 5 minuti; 95% ta' inċidenti importanti ħafna kategorizzati f'inqas minn 10 minuti; 95% ta' inċidenti moderati kategorizzati f'inqas minn 30 minuta; FLS speċifiku għas-SIS II miftiehem skont il-miri definiti fl-Anness 2 tal-Ftehim Standard dwar il-Livell tas-Servizz
11		2.2.1.1	Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi	Adattamenti tas-SISII (WL,Oracle12c)	Manutenzjoni adattiva bażika	X	X	X	X	X		OPS	2.25	EUR 200,000	L-adattamenti tas-SIS II forniti skont il-pjanijiet rilevanti u l-FLS ¹⁷ fis-seħħ
12	1	2.2.1.1	Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi	Ġestjoni Operattiva tas-SIS II (manutenzjoni ta' kuljum)	Forniment kontinwu 24/7 ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjoni, superviżjoni tal-manutenzjoni u għajjnuna lill-SM	X	X	X	X	X	X	OPS	4.50		95% tal-interazzjonijiet tal-SM rikonoxxuti f'inqas minn minuta; 95% tal-inċidenti kritiċi kategorizzati f'inqas minn 5 minuti; 95% tal-inċidenti ta' prijorità għolja kategorizzati f'inqas minn 10 minuti; 95% tal-inċidenti moderati kategorizzati f'inqas minn 30 minuta; FLS speċifiku għall-Eurodac miftiehem skont il-miri definiti fl-Anness 2 tal-Ftehim Standard dwar il-Livell tas-Servizz
13	1	2.2.1.1	Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi	Ġestjoni tal-Kuntratti tas-SIS II	Li tkun żgurata l-konformità tal-kuntrattur mal-obbligi kuntrattwali ġejjin mill-kuntratt tal-MWO tas-SIS II; li s-SIS II tinżamm taħdem tajjeb	X	X	X	X	X	X	OPS	0.40		Minimu ta' 2 Kumitati ta' Tmexxija fis-sena f'livell amministrattiv; minimu ta' 8 laqgħat fis-sena mal-kuntrattur f'livell ta' Applikazzjoni/Programm; 12-il Rapport tal-Attivitajiet fix-xahar rieżaminati u aċċettati fis-sena
14	1	2.2.1.2	Evoluzzjoni tas-Sistemi	Evoluzzjonijiet funzjonali tas-SIS II skont il-pjan direzzjonali maqbul	Is-sistema ċentrali tas-SIS II allinjata mad-domanda ġdida/mibdula tal-utenti.	X	X	X	X	X	X	OPS	1.00	EUR 300,000	Twassil puntwali u skedat u skont l-għan kif maqbul mal-SM

¹⁷ Ftehim Standard dwar il-Livell tas-Servizz kif approvat mill-Bord tat-Tmexxija bid-dokument 2013-084

#	GĦAN STRAT.	PH2016 SEZZJON I REF	DESKRIZZJONI GĦAN STRAT.	RIŻULTAT 2016	ATTIVITÀ/ATTIVITAJIET ANNWALI	PERJODU TAŻ-ŻMIEN						SID	BAĠIT u FTEs		
						<	T1	T2	T3	T4	>		FTE intern	Baġit Allokat	INDIKATUR TAL-PRESTAZZJONI
				(karatteristiċi ġodda jew funzjonalità ġdida ta' DCC)											
15	1	2.2.1.2	Evoluzzjoni tas-Sistemi	L-istudju Active2Active tas-SIS II (tħaddim tas-CU u l-BCU f' modalità attiva/attiva, biex jipprovdi reżiljenza aħjar għas-sistema, kontinwità tan-negożju u użu iktar effiċjenti mir-riżorsi taċ-ċentru tad-dejta)	Studju bażiku dwar setup attiv/attiv (suġġett għal rieżami legali biex tkun żgurata l-konformità tal-istudju mal-qafas legali li japplika), li jipprovdi t-tifsila teknika bażika u l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali għall-bidla maħsuba tal-operazzjonijiet.	X	X					OPS	0.25	EUR 200,000	Studju fornit skont kif miftiehem/il-pjan bażi
17	1	2.2.1.2	Evoluzzjoni tas-Sistemi	Studju u bidu tal-implimentazzjoni ta' allinjament tal-kapaċitajiet tas-SIS II skont ir-riżultati tal-istudju	Evoluzzjoni bażika tal-kapaċità/prestazzjoni; sistema allinjata għaż-żieda fid-domanda ta' kapaċità; forniment ta' mistoqsijiet awtomatiċi u titjib ieħor marbut mar-rapportar; aġġornamenti tekniċi bħall-aġġornament tal-Oracle 12 u liċenzji assoċjati; għajjnuna lill-SM biex jingħaqdu fil-komunità tas-SIS II	X	X	X	X	X	X	OPS	4	EUR 1,525,000	Kapaċità bażika tal-evoluzzjoni milfuq skont il-pjanijiet maqbula. Għajjnuna lill-SM il-ġodda biex jingħaqdu fil-komunità tas-SIS II
18	1	2.2.1.2	Evoluzzjoni tas-Sistemi	Implimentazzjoni ta' kapaċitajiet bijometriċi tas-SIS II għaddejja (titlesta fl-2017)	Implimentazzjoni SISII AFIS	X			X	X	X	OPS	2	EUR 9,726,408	Ibda disinn fid-dettall u implimentazzjoni
19	1	2.2.1.3	Ġestjoni tal-Infrastruttura tan-Netwerk u l-Komunikazzjoni	Studju relatat ma' servizzi kondiviżi għadu għaddej (T4 2014, T1 2015). Skont ir-riżultat li joħroġ minn dan l-istudju, xi servizzi (li se jiġu definiti f'dan	Preparazzjoni għas-SIS II bl-użu ta' servizzi kondiviżi		X	X				OPS	0.25		Studju fornit skont kif miftiehem/il-pjan tal-linja bażi

#	GĦAN STRAT.	PH2016 SEZZJON I REF	DESKRIZZJONI GĦAN STRAT.	RIŻULTAT 2016	ATTIVITÀ/ATTIVITAJIET ANNWALI	PERJODU TAŻ-ŻMIEN						SID	BAĠIT u FTEs		
						<	T1	T2	T3	T4	>		FTE intern	Baġit Allokat	INDIKATUR TAL-PRESTAZZJONI
				I-istudju se jkunu implimentati b' mod kondiviż fl-2016. Ladarba s-servizzi kondiviżi jkunu disponibbli, wieħed se jkollu jqabba id SIS II ma' infrastruttura kondiviża u jagħmel dekkommissjoni ta' servizzi dedikati għas-SIS II.											
1	2.2.1.5	Sigurtà	Interfaċċa tas-SIS II mal-faċilità kondiviża supplimentari tad-data. Dekummissjonar tal-faċilità supplimentari tad-data tas-SIS II.	SIS II imqabba mal-faċilità kondiviża supplimentari tad-data. Dekummissjonar ta' tagħmir antik. [Għandu jibda sa tmiem l-2016 soġġett għal evalwazzjoni ta' konformità mal-bażi ġuridika rilevanti].					X		OPS	0.25	EUR 500,000	Titjib fiż-żmien ta' żamma ta' riserva tad-data, numru ta' inċidenti u tagħmir dekkommissjonat	
VIS/BMS – attivitajiet relatati															
1	2.2.1.1	Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi	Ġestjoni Operattiva tal-VIS (Manutenzjoni Korrettiva)	Forniment kontinwu 24/7 ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjoni, superviżjoni tal-manutenzjoni u għajjnuna lill-SM	X	X	X	X			OPS	1.50			
1	2.2.1.1	Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi	Ġestjoni Operattiva tal-BMS (Manutenzjoni Korrettiva)	Forniment kontinwu 24/7 ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjoni, superviżjoni tal-manutenzjoni u għajjnuna lill-SM	X	X	X	X			OPS	1.50			
1	2.2.1.1	Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi	Ġestjoni Operattiva tal-VIS (Manutenzjoni Adattiva)	Forniment kontinwu 24/7 ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjoni, superviżjoni tal-manutenzjoni u għajjnuna lill-SM	X	X	X	X			OPS	0.50		95% tal-interazzjonijiet tal-SM rikonoxxuti f'inqas minn minuta; 95% tal-inċidenti kritiċi kategorizzati f'inqas minn 5 minuti; 95% tal-inċidenti ta' prijorità għolja kategorizzati f'inqas	

#	GĦAN STRAT.	PH2016 SEZZJON I REF	DESKRIZZJONI GĦAN STRAT.	RIŻULTAT 2016	ATTIVITÀ/ATTIVITAJIET ANNWALI	PERJODU TAŻ-ŻMIEN						SID	BAĠIT u FTEs		
						<	T1	T2	T3	T4	>		FTE intern	Baġit Allokat	INDIKATUR TAL-PRESTAZZJONI
24	1	2.2.1.1	Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi	Ġestjoni Operattiva tal-BMS (Manutenzjoni Adattiva)	Forniment kontinwu 24/7 ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjoni, superviżjoni tal-manutenzjoni u għajnuna lill-SM	X	X	X	X			OPS	0.50		minn 10 minuti; 95% tal-inċidenti moderati kategorizzati f'inqas minn 30 minuta; FLS Speċifiku għall-VIS/BMS skont il-miri definiti fl-Anness 2 tal-Ftehim Standard dwar il-Livell tas-Servizz Kuntratt tal-MWO ġdid mħejji u ffirmat kif ippjanat. Trasferiment mill-kuntrattur preċedenti għal dak ġdid lest L-impenji finanzjarji saru skont il-pjan. L-evoluzzjoni skedata bdiet kif ippjanat.
25	1	2.2.1.1	Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi	Bdil fil-kontroll u trasferiment Bejn il-kuntratturi tal-MWO għall-VIS	Trasferiment b'suċċess bejn il-kuntratturi tal-MWO. Il-kuntrattur il-ġdid tal-MWO kapaċi jieħu f'idejh ir-responsabbiltajiet mingħand dak attwali.		X	X	X			OPS	1	EUR 2,000,000	
26	1	2.2.1.1	Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi	Bdil fil-kontroll u trasferiment Bejn il-kuntratturi tal-MWO għall-BMS	Trasferiment b'suċċess Bejn il-kuntratturi tal-MWO. Il-kuntrattur il-ġdid tal-MWO kapaċi jieħu f'idejh ir-responsabbiltajiet mingħand dak attwali.		X	X	X			OPS	1	EUR 2,000,000	
27	1	2.2.1.1	Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi	Ġestjoni Operattiva tal-VIS (Manutenzjoni Korrettiva) taħt il-kuntratt tal-MWO I-ġdid	Forniment kontinwu 24/7 ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjoni, superviżjoni tal-manutenzjoni u għajnuna lill-SM				X	X	X	OPS	1.50	EUR 4,500,000	
28	1	2.2.1.1	Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi	Ġestjoni Operattiva tal-BMS (Manutenzjoni Korrettiva) taħt il-kuntratt tal-MWO I-ġdid	Forniment kontinwu 24/7 ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjoni, superviżjoni tal-manutenzjoni u għajnuna lill-SM				X	X	X	OPS	1.50	EUR 4,000,000	
29	1	2.2.1.1	Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi	Ġestjoni Operattiva tal-VIS (Manutenzjoni Adattiva) taħt il-kuntratt tal-MWO I-ġdid	Forniment kontinwu 24/7 ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjoni, superviżjoni tal-manutenzjoni u għajnuna lill-SM				X	X	X	OPS	0.50	EUR 1,000,000	
30	1	2.2.1.1	Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi	Ġestjoni Operattiva tal-BMS (Manutenzjoni	Forniment kontinwu 24/7 ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjoni, superviżjoni				X	X	X	OPS	0.50	EUR 1,500,000	

#	GĦAN STRAT.	PH2016 SEZZJON I REF	DESKRIZZJONI GĦAN STRAT.	RIŻULTAT 2016	ATTIVITÀ/ATTIVITAJIET ANNWALI	PERJODU TAŻ-ŻMIEN						SID	BAĠIT u FTEs		
						<	T1	T2	T3	T4	>		FTE intern	Baġit Allokat	INDIKATUR TAL-PRESTAZZJONI
31				Adattiva) taħt il-kuntratt tal-MWO l-ġdid	tal-manutenzjoni u għajnuna lill-SM										
			Evoluzzjoni tas-Sistemi	Żieda fil-kapaċità tal-VIS allinjata mal-ħtiġijiet kummerċjali u t-tnedija kompleta tal-VIS; attivitajiet tal-VISA code+; attivitajiet għall-integrazzjoni tal-Kroazja fil-VIS u tisħiħ tal-infrastruttura ta' ttestjar tal-VIS/BMS	Evoluzzjonijiet tal-VIS/BMS				x	x	x	OPS	4.	EUR 14,500,000	Kuntratt tal-MWO ġdid mħejji u ffirmat kif ippjanat. L-impenji finanzjarji saru skont il-pjan. L-evoluzzjoni skedata bdiet kif ippjanat.
1	2.2.1.2		Evoluzzjoni tas-Sistemi	L-istudju Active2Active tas-SIS II (tħaddim tas-CU u l-BCU f' modalità attiva/attiva, biex jipprovdi reżiljenza aħjar għas-sistema, kontinwità tan-negozju u użu iktar effiċjenti mir-riżorsi taċ-ċentru tad-data)	Studju bażiku dwar setup attiv/attiv (suġġett għal rieżami legali biex tkun żgurata l-konformità tal-istudju mal-qafas legali li japplika), li jipprovdi t-tifsila teknika bażika u l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali għall-bidla maħsuba tal-operazzjonijiet.				x	x		OPS	0.55	N.B ¹⁸	Studju fornit skont kif miftiehem/il-pjan bażi

¹⁸ Il-baġit stmat għall-istudju huwa ta' EUR 500 000 u huwa inkluż fil-baġit allokat għall-evoluzzjonijiet tas-sistemi

#	GĦAN STRAT.	PH2016 SEZZJON I REF	DESKRIZZJONI GĦAN STRAT.	RIŻULTAT 2016	ATTIVITÀ/ATTIVITAJIET ANNWALI	PERJODU TAŻ-ŻMIEN						SID	BAĠIT u FTEs		
						<	T1	T2	T3	T4	>		FTE inter n	Baġit Allokati	INDIKATUR TAL-PRESTAZZJONI
34	1	2.2.1.1	Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi	Ġestjoni tal-Kuntratti tal-VIS/BMS	Ġestjoni tal-Kuntratti tal-VIS Ġestjoni kuntrattwali, baġitarja u finanzjarja tajba tal-VIS u l-BMS. (L-iżgurar ta' kopertura kuntrattwali għall-attivitajiet kollha ppjanati, f'has ta' fatturi fil-ħin, eżekuzzjoni tajba tal-baġit...)		X	X	X	X	X	OPS	1.50		Minimu ta' 2 Kumitati ta' Tmexxija fis-sena f'livell amministrattiv; minimu ta' 8 laqgħat fis-sena mal-kuntrattur f'livell ta' Applikazzjoni/Programm; 12-il Rapport tal-Attivitajiet ta' kull xahar rieżaminati u aċċettati mill-Aġenzija fis-sena
Network – attivitajiet relatati															
37	1	2.2.1.3	Ġestjoni tal-Infrastruttura tan-Netwerk u l-Komunikazzjoni	Helpdesk tal-appoġġ, rapportar kuljum, għajnuna ta' livell 1 lill-SM, statistiki kuljum	Jiġu żgurati attivitajiet ta' għajnuna ta' livell 1 tajbin u f'waqthom għall-Istati Membri	X	X	X	X	X	X	OPS	18.00		95% tal-interazzjonijiet tal-SM rikonoxxuti f'inqas minn minuta 95% tal-inċidenti kritiċi kategorizzati f'inqas minn 5 minuti; 95% tal-inċidenti ta' priyorità għolja kategorizzati f'inqas minn 10 minuti; 95% tal-inċidenti moderati kategorizzati f'inqas minn 30 minuta
38	1	2.2.1.3	Ġestjoni tal-Infrastruttura tan-Netwerk u l-Komunikazzjoni	Ġestjoni effettiva tas-servizz, ġestjoni tal-inċidenti u l-problemi	Jiġu żgurati attivitajiet ta' ġestjoni tas-servizz b'mod effettiv u effiċjenti		X	X	X	X	X	OPS	2.00		100% tal-inċidenti kritiċi solvuti jew għaddej xogħol fuqhom disponibbli f'inqas minn 8 sigħat; 95% tal-inċidenti għolja solvuti jew għaddej xogħol fuqhom disponibbli f'inqas minn 24 siegħa; 90% tal-inċidenti moderati solvuti jew għaddej xogħol fuqhom disponibbli fi żmien 6 ijiem
39	1	2.2.1.3	Ġestjoni tal-Infrastruttura tan-Netwerk u l-Komunikazzjoni	Jinżammu u jiġu osservati n-netwerks ġestiti mill-eu-LISA biex ikunu żgurati sigurtà u affidabilità tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni	Infrastruttura sigura u affidabbli tal-komunikazzjoni, dan huwa riżultat kontinwu, mhux riżultat speċifiku għall-2016.		X	X	X	X		OPS	1.00		Konformità sħiħa mal-FLS tan-netwerks kollha rilevanti stabbiliti

#	GĦAN STRAT.	PH2016 SEZZJON I REF	DESKRIZZJONI GĦAN STRAT.	RIŻULTAT 2016	ATTIVITÀ/ATTIVITAJIET ANNWALI	PERJODU TAŻ-ŻMIEN						SID	BAĠIT u FTEs		
						<	T1	T2	T3	T4	>		FTE intern	Baġit Allokati	INDIKATUR TAL-PRESTAZZJONI
40	1	2.2.1.3	Ġestjoni tal-Infrastruttura tan-Netwerk u l-Komunikazzjoni	Kontribut għal ġestjoni effettiva tal-kuntratt tan-netwerks kollha provduti minn terzi partijiet	Netwerk effiċjenti relatat ġestjoni tal-kuntratti, hija attività kontinwa.		X	X	X	X		OPS	0.50		Ir-rapporti tal-kuntrattur rieżaminati u r-riżultati forniti fil-ħin lill-COM kif maqbul skont MtQ
41	1	2.2.1.3	Ġestjoni tal-Infrastruttura tan-Netwerk u l-Komunikazzjoni	Żvilupp ta' portal għat-tim tal-Amministrazzjoni tal-Applikazzjonijiet sabiex tinġabar informazzjoni għat-Tim tal-Appoġġ fit-2 livell, lista ta' kompiti, tinġabar dokumentazzjoni għal proċeduri operazzjonali	Jekk ikun hemm soluzzjonijiet bħal SharePoint disponibbli f'dak il-ħin, tfassil tal-portal tat-tim għal implimentazzjoni ulterjuri				X	X	X	OPS	0.25		Portal tat-tim disponibbli u użat [sa tmiem l-2016]
Kompiti orizzontali u proġetti relatati mal-ġestjoni tas-sistemi inkarigati lill-Aġenzija															
	1	2.2.1.1	Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi	Qbil għall-implimentazzjoni ta' bidliet mhux ippjanati implimentati f'konformità maż-żmien u l-ambitu miftehma	Implimentazzjoni u ġestjoni ta' bidliet mhux pjanati tas-CBS	X	X	X	X	X	X	OPS	2	N/A ¹⁹	Qbil għal implimentazzjoni ta' bidliet mhux ippjanati implimentati mingħajr il-ħtieġa ta' baġit supplimentari skont iż-żmien u l-ambitu miftehma.

¹⁹ Il-baġit neċessarju għall-implimentazzjoni ta' bidliet mhux mistennija fis-sistemi, mitlub mill-Istati Membri ad-hoc, huwa inkluż fil-baġit globali allokati għall-evoluzzjonijiet tas-sistemi

#	GĦAN STRAT.	PH2016 SEZZJON I REF	DESKRIZZJONI GĦAN STRAT.	RIŻULTAT 2016	ATTIVITÀ/ATTIVITAJIET ANNWALI	PERJODU TAŻ-ŻMIEN						SID	BAĠIT u FTEs		
						<	T1	T2	T3	T4	>		FTE intern	Baġit Allokat	INDIKATUR TAL-PRESTAZZJONI
